

# Ħajja ta PIU X.

**MALTA 1920.**

Stamp: ta G. Muscat, il Belt.

MZU:POQ
P.B.166
G

MZU. POQ

P.B.18.7

# HAJJA TA PIU L'X

MICTUBA FIL KASIR MINN

ALF. M. GALEA



ROYAL UNIVERSITY LIBRARY
MALTA

Malta
Stamperìa ta G. MUSCAT.—Il Belt.
1920.

*Lil Msieħbin*

*fl' Opra tal Propaganda tal Fidi.*

*Fost il* « COTBA TAL MOGHDIJA TAZ-ZMIEN » *li minnhom laħku ħarġu mija u ħamsin ŭieħed, nistħajjlucom giè f' idejcom in-Nru. 34, fejn krajtu chelmtejn fuk il Ħajja ta Piu l'X. Imm'issa, is-Sorijiet tal Cunvent tal Kalb ta Ġeżù ta San Gilian taŭna nakraŭ il Ħajja ta dan il Papa, mibtuba minn F. A. Forbes; u daks chemm għoġbitna, xtakna ngħarrfucom xiħaġa actar fuk dan il bniedem · ta kalbu cbira li tŭieled fil fàkar, għâx fil fàkar u miet fil fàkar, għaliex ried jibka fkîr mkâr meta Alla l'imbieree stgħollih fuk l'akua trôn ta'd-dinja, u b'hecc minnu nitgħallmu chemm Alla igħożż il ħniena lejn il fokra, ħutu iż-żgħar il maħbubin minn tiegħu, illi bħalhom ried hu jitŭieled fkîr fil Għâr ta Betlem, bħalhom, bħala bniedem, għadda għomru fil fàkar fuk dina l'art, u fl'akŭa fàkar ried ħajjtu itemm fuk is-salib mkaddes.*

*Daŭn l'aħħar snîn, sa kabel ma nkalgħet din ir-reŭŭixta ta ġŭerra kalila li kalbet id-dinja ta taħt fuk, conn'na għal eŭŭel ta's-sèna nkassmulcom ctieb bħala* STRINA *flimchien mal* KARI MILL ANNALI. *Din is-sèna, la darba bil għajnuna t' Alla, usalna f'n-Nru. 50 ta dan il* KARI MILL ANNALI *tal Propaganda tal Fidi, deħrilna ŭisk xierak nerġgħu natueom din li Strina: u ħsibna u rajna li din il* ĦAJJA TA PIU L'X *toħroġ għal kalbcom, seŭ mħabba it-tagħlim li fiha u seŭ għal ħleŭŭa tagħha; u ngħiduha chif inħossuha, għaliex jistħajjilna illi tabilħakk ta mîn jitħajjar jimxi fukha: ħajja ta mîn jiemmen u jitma f' Alla, tŭemmin sħiħ u tàma kaŭŭija, sedka ta'r-ruħ, ŭettka tal kaddisin.*

*San Giorġ ta Birżebbugia*
*L'24 ta Aŭŭissu 1919*

ALF. M. GALEA.

Bi Strina
lil Msieħbin fl'Opra
tal
*Propaganda tal Fidi.*



ROYAL UNIVERSITY MALTA

## 1. Ghal Kassis.

Fost it-tmint ulied ta Gianpatist u Gherit Sarto, il cbir chien Peppinu li tŭieldilhom nhar-it-2 ta Giunju tal 1835. Chienu fokra u b'ix xogħol ta idejhom iganntu ix-xlief chif jistgħu għal għejxien tagħhom u ta uliedhom. Nies tŭajjba chemm tridhom u ta feħma ŭaħda, jieħdu collox mn' idejn Alla, u irabbu l'uliedhom fl'imħabba mkaddsa tiegħu.

Peppinu chien fuk ruħu, u Ivent, u dħuli u moħħu jilħaklu; fl' iscola ta'r-raħal, dejjem l'eŭŭel ŭieħed, u għal dac li logħob, ma jirbħu ħadd, jimbex lil sħabu, xi daktejn jaklagħhom ucoll għaliex ħadd ma isîblu rcabtu; u meta jara ic-cirasa tħammar fuk is sigra, ta tifel li chien, jitħajjar, jixxabbatlec ma's sigra, u imidd îdu għalieha u jiecolloc actar minn ŭaħda jeŭ tnejn mill għalka ta ħaddieħor. Iżda, mbagħd, ħadd ma jieħdu biex igħin il kuddiesa; araŭ chemm, li ta għaxar snîn, il Cappillan riedu igħallimlu it-tfâl l'oħra ta madŭaru għâd illi x'uħud acbar minnu; u jecc ma igibux ruħhom fil cnisja chif imisshom, Peppinu chien jilħak jiħrâx magħhom ucoll. Imma, billi hu katt ma chien jitcabbrilhom, ankas ma chienu jieħdu għalih; għaliex għalchemm jieħodha magħhom u xi darba idokkilhom xi taptipa, mîn actar minnhom it-tfâl jintebaħ b'mîn igîbhom jeŭ b'mîn jiddejjak bihom?

Daks nofs mîl il barra minn Riesi, ir-raħal tiegħu, tinsâb dakxejn ta cnisja tal Madonna; ftha chien Peppinu iħobb imur jinġàbar jitlob u jlftaħ kalbu mai mkaddsa Omm·Alla, mixħut f'riġlejn il vâra tagħha: lilha chien isemmi fuk ix-xeŭka cbira tiegħu li jati ruħu l'Alla u jitgħallem u jilħak kassis għal gîd ta'n-nies. Ta ħdax il sèna għamel l'eŭŭel Tkarbina fil cnisja ta'r-raħal, għâd li chien îlu jixxennak li jiersak jitkarben. Mîn chellu igħidlu li għâd jigi żmien meta hu icollu il jedd ikassar minn rajh daŭn is-snîn l'it-tfâl li jixtieku jilkgħu f'sidirhom lil Geżù!

Dun Titu Fusarini, il Cappillan ta Riesi, u Dun Alŭiġ Orazio il Vici tiegħu, ntebħu bil ħrara ta Peppinu li jitgħallem u chemm chellu moħħu tajjeb u ftiehmu bejniethom igħallmuh il-lsien il-latin biex ilaħħkuh għall iscola ta Castelfrancu, raħal cbir il bgħid minn tagħhom ngħidu aħna minn San Giorġ sa Ħal Tarxien. U hecc għamlu. Araŭh il kuddiem it-tifel li chellu jilħak Papa, jitlaklec għodu għodu lejn Castelfrancu, xita jeŭ xemx, reżħa jeŭ sħana, chisra ħobż u xiħaġa għal magħha jeŭ xi ftira, u b'iż-żraben mriccbin fuk spallejh biex ma jaħlihomx. Bakgħet sejjra hecc erba' snîn sħaħ, sachemm missieru raŭŭimlu dakxejn ta cherettun bil ħmâr biex iŭassal miegħu li scola il ħuh Anġlu. Taħsbux eŭŭilla jli x'ħin jierġgħu l'ura id-dâr fuk ofs-inhar, akbdu jilagħbu! Peppinu u Anġlu chienu

iridu jilħku ma ħafna xogħol ieħor: jagħilfu il bakra u il ħmâr, iduru mal ġnejna, u jagħżku il ħabel ràba ta missierhom. Peppinu, mbagħd, chien igħin l'ommu iddur daŭra ma'd-dâr u idur b'ħutu iż-żgħâr biex talankas iserraħha nitfa ŭaħda ŭara li tcun hilha iccerches m'is-sebħ, u ħutu chienu iħobbuh tista tgħid daks chiecu ommhom u missierhom. U m'hux ta b'xejn, għaliex chien igħaddîlhom iż-żmien, jirraġġa magħhom u igħidilhom il ħrejjef: x'ma iħobbuhx! x'ma jifirhux bih chif jidħol id-dâr! Jilħak drabi jarahom mill bgħid jixirfu m'ix-xatba ta'd-dâr jeŭ minn ħoġor it-tieka u jitilku jiġru lejh chif jilmħuh riesak.

Peppinu ħareġ ta ragel mill li scola ta Castelfrancu; u meta il Cappillan tiegħu rah mħajjar għal kassis, ried chiecu idaħħlu is-Seminarju; imma, jaħasra, u la hu u ankas missieru ma chellhom mnejn iħallsulu. Għaliex x'sata' ifaddal il Cappillan minn cnisja ta'r-raħal, jeŭ jakla missieru bħala câp tal posta ta Riesi? Billi f'is-Seminarju tal beld ta Padŭa chienu ħabtiet idaħħlu x'uħud b'xejn (bħalma il fehma tal Iskof tagħna meta icollu mnejn *), il Cappillan, ruħ tajjba, chiteb lil Patriarca ta Vnezzja, il Cardinal Monaco, bin il bdieŭa hu ucoll u minn raħal ŭieħed, u talbu idaħħal lil Peppinu Sarto is-Seminarju,

* Araŭ l'Editt tal Iskof ta Malta tal 5 ta Novembru 1918 li aħna semmejna fuku fil faċċ. 25 tal Kart mill Annali ta Frâr 1919 in Nru. 48.

billi hu chien jagħmel minnu. Nħallicom taħsbu chemm kabeż bil ferħ Peppinu meta Dun Fusarini mâr jatih din il bxara it-tajjba! Peppinu feraħ fuk li feraħ, għâd illi kalbu ngħafset irid jinfired minn krabatu u m'ir-raħal iż-żgħir ta tŭielidu.

Għadda is-sajf; u f'ix-xahar ta Novembru, Peppinu b'id-dmugħ f'għainejh għannak l'ommu, il missieru, il ħutu u il Cappillan tiegħu, u telak fŭk cherettun lejn Padŭa b'sorra ħŭejjeġ u il ftit cotba li chellu. Fejn katt sata' jobsor li issa icollu cotba chemm tixtiek kalbu? fejn katt ra b'għainejh għamra cotba bħal dic, f'is-sŭali il cbâr ta's-Seminarju ta Padŭa? * X'ma jitħajjarx jitgħallem? U tabilħakk sŭielu u ankas għamel għajb lil Cappillan ta Riesi; għaliex, mal eŭŭel sèna, Peppinu ŭera x'chien, seŭŭa f'it-tagħlim u seŭŭa fl'mgieba tiegħu, u ħareġ l'eŭŭel ŭieħed f'collox.

Għadda is-sajf f'dâr missieru sa daħlet il ħarifa; u għâd li derra u strieħ, ma telakhomx il cotba, u ħejja ruħu actar minn kabel għal ħajja li Alla sejjaħlu għalieha. Mîn sata' iżda katt jobsor, illi ma tûl it-tieni sèna ta's-Seminarju, chellu imûtlu missieru b'marda

---

* L'Iskof tagħna jixtiek ucoll illi is-Seminarju tal Mdina icollu Libreria chif tixrak.— Imma, collox irid iż-żmien tiegħu. Mîn igħin is-Seminarju għandu sehem fil gîd ta'r-ruħ li jagħmlu il kassisin l'icunu tgħallmu hemm.

kasira u iħalli l'ommu u il ħutu fl'akûa fàkar? L'msejchen Peppinu, x'ħin ûaslitlu il bxara ta'n-nichet, rabat ruħu ma'r-rieda t'Alla, għax mkâr chiecu ħtieġlu jitlak u imur jaħdem għaliehom, chien jagħmlu. Iżda, ommu, ħàra ta'r-ruħ, ankas biss ma għaddielha minn moħħa tridu magħha fuk hecc, għax ankas għa'd-dinja chif iddur ma chellha fehma titolbu jitlak it-triek li fiha daħal, mkâr tâf li tmut msallba b'ix-xogħol: Alla chien jâf biha u b'uliedha l'oħra, u it-tâma tagħha fih biss, u m'hux le fil għajnuniet ta'd-dinja.

Barra minn missieru, Peppinu tilef il Cappillan ucoll u il Vici tiegħu, billi bagħtuhom f'raħal acbar; u hecc l'imsejchen, is-sajf ta ûara, sâb ruħu id-dâr t'ommu, ltîm minn missieru u daûc iż-żeûġ kassisin li chienu iħobbuh daks għainejhom u in-nies collha tħobbhom daks chemm lejl u nhar chienu dejjem jitħâbtu għal ġîd tal erûieħ. Biex tagħkad seûûa, il Cappillan il ġdîd nzerta fonkla ġmielu, jiddejjak minn collox, u jaraha bi cbira ûisk jecc ımorru iħabbtulu il bieb mal lejl bħalchiecu il ħass ħażin u il meût sejjrin ikîsu jecc lilu jakbillu jeû le joħroġ daûc il ħinijiet. Peppinu tħassru ir-raħal tiegħu; u ma chienx jinchedd bi ftit jismagħhom ighemgmu għal Cappillan bla ma jista ibengilhielu għâd li chien jagħmel mill aħjar biex igħattilu, għax x'jakbad ipasprilhom la darba mfattar hecc? Minn għalih Peppinu tgħallem chif il kuddiem jaħtieġlu

imur ma'n-nies jecc irid jiġbidhom lejh u lejn il Cnisja.

Is-27 ta Frâr 1857, Peppinu ordna suddiacnu fil Catidral ta Trevsu, u ftit żmien ŭara bagħtuh f'Riesi jagħmel priedca fuk il Kalb ta Geżù: in-nies iggennet urajh tisimgħu jippriedca b'dic il ħrara li chellu għal gîd tal erŭieħ. Minn għalih, f'it-tieba ta kalbu, ankas biss ma ntebaħ bil ħeġġa tal priedca li għamel; għax meta chiteb lil ħabib tiegħu Dun Piet Jacuzzi, ma semmielux ħlief li: « Nhar-ta-Hadd li għadda bagħtuni ngħid x'erba' chelmiet fil cnisja ta'r-raħal!»

Ta tlieta u għoxrin sèna, Aŭŭissu 1858, Peppinu Sarto temm it-tagħlim tiegħu ta's-Seminarju, u l'Iskof ta Trevsu, blex ma iħallihx jittenna sèn'oħra, cbitiblu Ruma u kalagħlu li jordna minnufih. « Sejjer ncun kassis ! » kâl bejnu u bejn ruħu fil ta hena kalbu x'ħin lemaħ is-sŭar ta Castelfrancu, fejn chellu jordna. Mixħut ŭiċċu fl'art kuddiem l'artal, fejn bħala tifel fetaħ kalbu m'Alla u issa kassis tiegħu, ma satagħx jiemmen li messìtu xorti hecc sabieħa ! Mixgħul bl'mħabba t'Alla, mîn jista ifisser is-sedka li ħass f'ruħu u chemm iżżaħajr l'Alla minn din ix-xorti li chellu!

L'għâda, Nhar-id-Duluri, Dun Giŭżepp Sarto mâr ikaddes cantat fil cnisja ta'r-raħal tiegħu. Ommu u ħutu tgħaxxku jisimgħu dic il kuddiesa; in-nies rassa ŭaħda fil cnisja mistagħ-

ġbin bih. Chif temm il kuddiesa, ilcoll resku f'it taraġ tal artal ibusu idejn lil Beppi tagħhom.

Gimgħa jeŭ tnejn ŭara, l'Iskof ta Trevsu, li chien jagħmel minn Riesi, bagħtu bħala Vici f'ir-raħal ta Tomblu.

## 2. Jilhak Cappillan.

Dan ir-raħal ta Tomblu jinsâb fil krîb tal beld ta Padŭa li taħt l'Iskof ta Trevsu. Nies f'saħħithom, ix-xìta u ix-xemx u cirċ u ir-riħ ma jagħmilx bihom, żorri imma ta kalbhom tajjba, nchissrin għa'x-xogħol u actarx miġbudin għal ħŭejjeġ tal Cnisja. Iżda, għajb għaliehom, meta Dun Giużepp Sarto laħak Vici ta'r-raħal tagħhom, daŭn in-nies chellhom dic id-draŭŭa il misħuta ta'd-dagħa: għal coll xejn, ifakkgħu ŭaħda bl'oħxon. Dun Giużepp, chif semagħhom l'eŭŭel darba, uriehom minnufih li ŭeġġgħulu kalbu: "U int chemm ħadtha bi cbira!" ŭieġbuh. "Aħna m'hux bil feħma li nonsksu l'Alla l'imbierec... Hu jâf x'għandna f'kalbna; imm'int mûr xi maŭra is-sûk u mbagħd tara b'għainejc jecc tiltakax ma ŭieħed fosthom illi bħal xejn sejjer jixtrilec bhima jeŭ tomna kamħ jecc tibdielu bil *kigħoġboc*!"

B'dakshecc iżda ma daħħluhielux f'rasu li collox seŭŭa. Dun Giużepp telkilhom, bla ma żamm magħhom; u dic is-siegħa kabad italla u iniżżel chif jibda jagħmel u joftomhom minn d'id-draŭŭa, u baka' sa giebhom fejn ried hu.

Dun Anton Costantini, il Cappillan ta dac ir-raħal, f'kasir żmien ngibed lejn Dun Giużepp: u chif le, jecc għal dic li mużca, fehma uaħda miegħu; u għa't-tagħlim tal Cotba Mkaddsa, ħaġa uaħda? L'acbar, iżda, jarah collu ħrara għal gîd tal l'eruieħ.. U billi hu chien mrajjad u fuk hecc ma jilħakx ma dmirijietu, bil ftit il ftit baka' sa telak collox f'idejn il Vici tiegħu.

"Bagħtuli kassis żagħżuh biex nrauumu għa'x-xogħol ta Cappillan," Dun Anton chiteb lil uieħed ħabib tiegħu; "imma, x'nâf tasseu hux sejjer igħallem lili, daks chemm għandu ħrara u ħeġġa, u moħħu jilħaklu! Chif ngħidlec jien, għâd narauh Iskof.... u, mbagħd il kuddiem, mîn jista jâf x'għâd jilħak!"

B'dana collu, id-dmîr tiegħu lejn il Vici ma bakagħ ma għamlux, għaliex ankas jakbel imur jimlih bih in-nifsu! Laħak il Cappillan isejjaħlu f'camartu u râs mb'râs igħidlu bil ħleuua: "Isma, Pepp, il priedca tal lejla ma ħargitlecx mill iprem, għax din jeu dic il ħaġa xtaktec gibtha hecc jeu hecc." U jogħkod ifissirlu fejn deherlu li messu ftiehem aħjar. Giè li uasslu il cnisja uakt li magħluka, u iġagħlu jitla fuk il pulptu u jokgħod jisimgħu itenni li kâl fil priedca, u iuakkfu fejn jidhirlu li din jeu dic il ħaġa sata' fissirha aħjar, billi Dun Anton chien ragel ta għerf cbir u tal akua ħeġġa. U Dun Giużepp, b'sàbru collu jokgħod għall' igħidlu hu, għâd illi in-nies ta'r-raħal u

ir-rħula daŭramejt chienet tiġri urajh tisimgħu colfejn jiġu jafu l'icollu jippriedca hu!

Tomblu dic il ħàbta actarx li chien raħal fkîr, u l'imsejchen Vici bilchemm ilaħħak għal ħajja bli chienu jatuh; xejn iżda dan ma chien Dun Giŭżepp ikîsu,għaliex minn kabel ma laħak kassis, xeŭka ŭaħda chellu: li jitgħallem biex actar jinkala' għal priedchi għal gîd tal oħrajn; biex fil krâr icun ta għajnuna ta'r-ruħ għall mîn jiersak għandu; biex meta iżur il morda icun jista iŭettakhom bil chelma t'Alla u bli jista igħinhom minn ħutu; biex ifisser il ħŭejjeġ t'Alla il mîn hu mbiegħed mill cnisja; biex l'imxerrdin iressakhom lejn Alla. Din chienet ix-xeŭka ta Dun Giŭżepp Sarto minn kabel ma laħak kassis; u din, bil għajnuna t'Alla, bakgħet fehemtu sal aħħar nifs tiegħu.

Dun Anton, il Cappillan, ġàbar miegħu id-dâr biex takdih il bint oħtu, màra armla. Issa din chienet tara id-daŭl f'it-tieka ta dâr il Vici, li bisŭit tal Cappillan, seŭŭa meta tbaccar u seŭŭa meta tiddaŭŭar filgħaxija ma torkod; u billi il Vici chien imur jiecol għand il Cappillan, għaliex Dun Anton chien dejjem iridu miegħu, darba ŭaħda staksietu:

"Dun Peppin, imm'int chemm int mħabbat? Ankas torkod ma għandec sàbar?.... Għax nilmaħlec id-daŭl f'it-tieka, icun daħal il-lejl seŭŭa!"

Dun Peppin tbissem jidħac:

" Għaliex nclelè ma nilħakx nitgħallem! Jaħtiegli nishar !"

Imma, actar il kuddiem, Dun Pepp stkarr li ma chienx jorkod iżjed minn erba' siegħât; u minn għalih iħossu mistrieħ biżżejjed.

" Chien niexef għuda !" kalet in-nepputija tal Cappillan meta żmien bi żmien ħábtu drabi jistħarrġuha fuk il Vici. " U chif ridtuh, jecc katt sàbar jistrieħ ma chellu !... Sejjer dejjem jaħasra ! Sejjer dejjem ! Ankas biss sàbar jiecol !.... Għaliex sal kuddiesa tiegħu chien jinżel idokkha hu, biex ankas ikajjem l'is-sagristan ! U mbagħd jigi għand il Cappillan jara jecc jinħtiġlux xiħaġa jecc jaħsel jiddaŭŭar ma imur ikaddes, billi Dun Anton bèda ta sicŭit ma iħossux fiha."

" X'għandna dalgħodu?" jistaksih Dun Giŭżepp. "Rġajna jakaŭ għaddejna lejl ħażin? Xejn tgħaggel tinżel m'is-sodda; u ara tinchedd; ibka strieħ dakxejn oħra!"

" Imm'int il-lum għandec priedca oħra !... Chif trid tlaħħak ma collox, Pepp ?"

" U iva...nagħmel żeŭġ priedchi, x'gàra?" iŭieġbu biex jagħmillu il kalb u iderrilu.

Tridu taraŭh mbagħd idur bih meta icun magħfus bil mard ! U irid jagħmillu collox hu. Chif chien ilaħħak miegħu u id-dmirijiet ta Vici, Alla biss jafu.

Biex dejjem jiġbed lejh in-nies ta'r-raħal, u jekred minn fosthom id-draŭŭa ta'd-dagħa u il cliem ħażin, Dun Giŭżepp chien jitħallat

magħhom, l'actar ma'z-żagħżaħ u it-tfâl, jistaksiehom fuk ix-xogħol u fuk il logħob, u colfejn jiltaka' magħhom jiekaflec ichellimhom, u tarahom iduru madŭaru. Meta darba x'uħud minnhom semmeŭlu b'dieka cbira ta kalb li ma jafux ula jictbu u ankas jakraŭ, minnufih il Vici mâr ŭegħedhom li jiftaħ scola ta filgħaxija u l'igħallimhom hu. X' uħud kabdu itemtmu, l'għaliex fosthom chien hemm ucoll mîn jinkala' dakxejn ŭaħda għal chitba.

"Issa billi?" ŭiegibhom Dun Giŭżepp. "Titkassmu, daŭc li tafu xiħaġa u daŭc li għâdcom ma tafux. Għal x'uħud, ngîb issurmast; lil oħrajn ngħallimhom jien l'abbecè.'

"Le, m'hux int l'abbecè, Dun Giŭżepp!" kabeż kâl xiħadd li chien msaħħar urajh.

Dun Giŭżepp kabad jidħac: "Tafu xejn illi l'abbecè ħaġa tkila biex tgħallmu!.... Aħjar nżommu għalija."

"Imm'int ma għandecx żmien għal hecc!" kallu ieħor. "Jeŭ aħna chif incunu nistgħu nroddulec li tagħmel magħna?"

"La tibkgħux tidgħu!" kalilhom minnufih Dun Giŭżepp". B'dakshecc tcunu ħallastuni tal ŭieħed mija.

Barra minn dan, Dun Giŭżepp chien igħallem l'it-tfâl icantaŭ fil cnisja, u il Cappillan chien jitgħaxxak bihom, jarahom gejjin il kuddiem. Jecc jintebaħ b'xi ŭieħed fost ittfâl migbud lejn il cnisja jeŭ b'xeŭka l'isir

kassis, ifittex l'iüettku f'dan il ħsieb u ikabbdu jitgħallem sa jasal żmien l'idaħħlu is-Seminarju.

F'ħaġa üaħda iżda Dun Giüżepp u il Cappillan ma setgħu katt jakblu: filli dac il ftit il jibkagħlu milli jakla, imur minnufih ikassmu lil fokra. U il fokra dan chienu jafuh; u chif jisimgħu li mâr jippriedca f'xi raħal tà düarhom, jissajjaüh gejj l'ura għaliex jafu li ma jibkagħx ma jaksam magħhom mill ftit l'icunu għaddeülu għax xogħol tiegħu. Mîn jâf chemm drabi chien jidħol id-dâr bla ħabba f' butu!

" Isma, Pepp, dan m'hux seüüa illi ankas għal ommoc ma tfaddal xejn! " ghemghimlu il Cappillan. " Fiha, talankas, messec taħseb!"

" Alla jâf biha l'ommi, u ma jibkagħx ma jatieha li jinħtigilha! " üieġbu il Vici. " Daün l'imsejcnin jinsabu agħâr minnha!"

In-nies ta'r-rħula l'oħra iriduh sicüit imur jippriedcalhom; chien sàħħar il colħadd, għaliex cliemu cliem Alla: ifittex l'igħallem bla ikîs li juri għerfu, u cliemu imissu il kalb.

Leħnu chien sabiħ u jinstama': u bil ħrara u dic il ħeġġa tiegħu, jixgħel u iħeggeġ il kalb ta colħadd; u il cnejjes dejjem mimlijin fejn jafu li sejjer hu.

Darba fost l'oħrajn, il kassis li chellu jippriedca fil cnisja ta Galliera seü nhar it-titular, ħassu ħażin għodu għodu, u il Cappillan ta dac ir-raħal ma chienx jâf fejn jati rasu.

" Ħalli f'idejja! " haün kallu Dun Carlu Carminati il Vici ta Galliera u ħabib ta Dun

Giużepp. "Ntîc chelma l'nseūūu collox!....." F'is-siegħa u il ħin, Dun Carl Carminati richeb cherettun tal molol u sâk lejn Tomblu. Chien Nħar-ta-Ħadd f'ix-xaħar tal Użarju, u isîb lil Dun Giūżepp dieħel il cnisja biex igħallem id-dutrina l'it tfâl.

"Jiekaf! jiekaf, Dun Giūżepp!" għajjatlu Dun Carminati. "Għandi x'ngħidlec!"

Dun Giūżepp daūūar rasu.

"Jaħtieġlec titlak u tigi miegħi sa Galliera, għaliex il kassis li chellu jippriedca, ħassu ħażin!" kallu Dun Carminati nifs ūleħed.

"X'inhù igħaddilec minn moħħoc, Dun Carl?.... Inti tâf li katt ma issugrajt nippriedca bla ma nħejji ruħi minn kabel?" ūieġbu Dun Giūżepp. "Tridx tħallini, Dun Carl, għax it-tfâl jittenneūni!"

"Imm'int jaħtieġlec tigi miegħi, tâf, Dun Giūżepp; lil Cappillan għidtlu, u bkajna l'int għandec tigi!" baka' igħidlu il ħabib tiegħu; u minnufih kabdu minn driegħu, sellem lil Dun Anton li tbissem jidħac jarahom mkabbdin ma xulxin, xeħtu fuk il cherettun, u sâk iż-żiemel.

Siegħa ūara li ūaslu Galliera, Dun Giū-żepp tala' jippriedca; u il gîd cbir li sâr dac in-nhar, ħadd ma jista ifissru.

"Għidtlecx?" Dun Carlu, jakbeż bil ferħ, kabad igħid lil Cappillan; "Għidlecx?" U taħfirlu, daks chemm feraħ, talli kagħad jifta-ħar li giebħa żeūġ.

Chiecu katt Dun Giŭżepp chellu dakxejn sàbar jistrieħ! Jaħdem dejjem, u coll xogħol igħodd għalih. " Ix-xogħol " chien igħid " l'akŭa dmîr tal bniedem fuk il ŭiċċ ta dina l'art!" Meta ir-ragel li chien isajjrilhom xi ħaġa tal ichel marad, Dun Giŭżepp chien idur bih u isajjar hu! L'għaliex Dun Giŭżepp chien jaħsibha tajjeb meta jidhirlu illi coll xogħol jiġbidna lejn Cristu li ried igħix fkajjar u minn tfulitu igħix b'ix-xogħol."

Jippriedca, igħallem id-dutrina, jeŭ jilgħab ma't-tfâl ta'r-raħal biex ibiegħidhom m'it-tiġrib ta'r-ruħ, iżur il morda, jeŭ jilħak ma mîn f'ŭakt meŭtu, ikarar, jeŭ jitgħallem, għalih xorta ŭaħda la darba icun jaħdem għal Mgħallem tagħna Geżù.

Għaddeŭ tminn snîn: Dun Anton ma stakx le jinfired minnu; iżda, għal mħabba li chien iħobbu u għal gîd li jista għâd jagħmel, deherlu ŭasal iż-żmien li Dun Giŭżepp jagħżluh għal xi raħal akŭa minn Tomblu. Chien seŭseŭŭ kiegħed isemmi fuk hecc lil ŭieħed mill Canonci ta Trevsu; dan kagħad jaħsibha u mbagħad staksih jecc Dun Giŭżepp icunx irid jippriedca fil Catidral ta Padŭa, nhar Sant'Antnin.

" U ngħid, Monsinjur! " ŭieġbu Dun Anton, bla ma kagħad jistaksi xejn lil Dun Giŭżepp.

" Tajjeb mela, Cappillan; la tatini chel-

ma int, nara chif nagħmel biex din il priedca natuhielu."

Meta ŭaslet nhar il festa, colħadd jistaksi f'Padŭa: "Tgħid is-sèna mîn gejj?" għaliex dejjem chien icollhom xi râs cbira.

"Dun Giŭżepp Sarto, il vici ta'r-raħal ta Tomblu!" kâl xiħadd: u in-nies bdiet tchemmex xuftejha. "Iva kassis ta'r-raħal sej gibulna!" bdiet tghemghem.

X'ħin tala' fuk il pulptu tal Catidral, innies għainejha fuku.... ħadd ma jitniffes; iddaŭŭar ftit actar minn siegħa, imma chiecu xiħadd ħareġ mill cnisja! Ħadd ma raha tŭila dic il priedca!

F'Mejju tal 1867, sentejn ŭara din il priedca u daks għaxra li chien vici f'Tomblu, ħtieġlu jitlak lejn Salzanu bħala Cappillan. Chemm bcheŭh in-nies ta'r-raħal: "Għaliex hu chien għalina bħal missier, u ħabibna, u l'hena ta kalbna!" cont tismagħhom igħidu. U Dun Anton, ŭakt li jibchih għax tilfu, jifraħ minn kalbu jarah talankas jafuhulu lil Dun Peppi tiegħu in-nies ta'd-dinja għalli ħadem, għâd li hu ħadem għal Alla u għal Alla biss.

Salzanu beld żgħira, tagħmel ma Vnezzja; għandha cnisja ġmielha u dâr xierka għal Cappillan; ir-ràba irodd, u in-nies actarx mogħtijin għal biedja, nies tŭajjba, ta chelmthom u ta'x-xogħol. Dun Giŭżepp Sarto ŭasal hemm nhar ta Sibt għal filgħaxija, f'ix-xahar ta Lulju. L'għâda il Ħadd, ir-rassa ta nies l'in-

gemgħu sa m'ir-rħula oħra biex jisimgħn il kuddiesa tiegħu u l'eŭŭel priedca tiegħu, ħŭej-jeġ cbar, għâd li chienet is-sħana seŭŭa.

X'ħin ħarġu mill cnisja, x'sejjrin jistaksu il xulxin: "Imma x'chienet din tal Iskof iħal-lih f'dac id-dakxejn ta raħal daŭn is-snîn collha, ragel bħal dan?"

Dun Giŭżepp, minn għalih, daħal għa'x-xogħol mill eŭŭel chif ŭasal Salzanu; u bil ħleŭŭa tiegħu u il ħrara għal gîd tal erŭieħ, daŭc uliedu il ġodda ngibdu lejh f'kasir żmien. U billi chif chien ta sicŭit igħid hu, illi actarx il bniedmin jidħlu f'it-tiġrib l'għaliex ftit li xejn jilħku jafu l'Alla u is-seŭŭa tiegħu minn żogħrîthom, barra m'id-dutrina għat-tfâl, dlonc ŭakkaf it-tifsir ta'd-dutrina għal cbar ucoll.

Iżda, Dun Giŭżepp, għâd li chellu 'dâr isbaħ u kliegħ actar, baka' bil ħajja ta Tom-blu, ħlief li chellu actar x'ikassam lil fokra, u oħtu Rożina marret miegħu biex teħodlu ħsieb id-dâr.

"Pepp," kaltlu darba "illum ma għandna xejn x'nieclu!"

"Ankas battejn, Rôż...?" staksieha ħuha. U għaddeŭ bihom, u niżlulu għasel!

Imma, colmîn jinzerta imur għandu, jasal x'ħin jasal, il Cappillan chien jaksam miegħu l'icliu. Dun Carlu, lejla ŭaħda, mâr jagħ-millu żiara u sabu fil chcina jilgħab ma't-tfâl: il Cappillan bagħathom id-dâr ŭara li ŭiegħidhom illi il logħba jissuctaŭha darb'oħra; u riedu lil

Dun Carlu igħaddi il-lejl miegħu. L'għâda filgħodu, Rożina marret kuddiemu mistħija mistħija, u bdiet tlaklaklu :

" Dun Carl, int ħabib tiegħu tal kalb il Cappillan u hilec ħafna midħla tiegħu... Għâda għandu jigi tal cherettun tal ħüejjeġ...."

" Iva....? " kalilha Dun Carl, biex jicser is-seħer, għax ma satagħx jakbad biex sejjra toħroġlu.

" Il-bieraħ, ħija daħħal xiħaġa ta'ż-żgħâr; u biex ngħidlec, bilchemm għandu xiber xokka biex igħatti dahru. Ar'int chif tagħmel u ġagħlu jixtri mkar ftit xokka samra!"

Dun Carl üiegħidha l'itieha dakka t'îd ; u chif lemaħ il Dun Giüżepp, semmielu sobtu fuk ix-xokka.

" Le, le, biex gejj...? ma għandi x'nambieha xejn!" katagħlu il barra il Cappillan.

Imma, Dun Carl ma katagħx jiesu. Chif üasal tal cherettun, għażel ix-xokka u kabad jiggebbed miegħu. Meta ftiehmu, ġagħlu jakta chemm kaltlu Rożina; mbagħd dar fuk il Cappillan, li ħaseb li Dun Carl chien kiegħed jixtri għalih in-nifsu, u kallu: " Isa, Dun Giüżepp, ħallas!"

" Bakagħx! int ucoll tigi haün tinconfeffa!" kallu Dun Giüżepp bil buri.

Rożina ferħet għall aħħar: "Alla ibierec is-siegħa l'int gejt haün, Dun Carl!" kaltlu chif ratu üaħdu. "Għaliex l'int ma nzertajtx

haŭn il-lum, sa għâda ma chien icollu u la flûs u ankas għàżel!"

Salzanu beld cbira, u fuk hecc il Cappillan chien jinħtieġlu iżomm cherettun tal molol. Ma chienx ħaġa, imma in-nies sicŭit tisselfu minn għandu. Iż-żmiemel, darba minnhom, ŭassluhulu id-dâr izappap. Dac l'issellfu minn għandu, kabad ipasparlu ħafna cliem għalli ġralu; " U iva," ŭieġbu il Cappillan, "ma ġàra xejn!"

Ħàbtet sèna tal għaks, l'għaliex ir-ràba ma raddx; u il Cappillan talab lil ŭieħed ħabib tiegħu jara ibiegħlux iż-żiemel: "Għandec ħafna kraba b'sendukhom mimli, ara jixtruhulix?" talbu bil ħniena Dun Giŭżepp.

U dac biegħhulu. Ried mbagħd ibiegħ il cherettun.... "Issa neħlu!" ŭieġbu dac il ħabib; "għaliex, biex ngħidlec is-seŭŭa, m'hux ħaġa!" U ħadd ma ried jixtrieh; u il cherettun baka' f'ir-remissa għall mîn chellu żiemel bla ma chellu cherettun.

Is-sèna 1873, daħal il mard f'Salzanu. Daŭc in-nies katt ma chienu semgħu b'disinfezzioni, u ankas riedu jifhmu li jaħtigilhom jibżgħu għal saħħithom jeŭ jiddeŭŭeŭ. Arah 'imsejchen Dun Giŭżepp jagħmilha ta tabib u ta spettur sanitarju barra m'ix-xogħol ta Cappillan li żdiedlu. " Li ma chienx għal Dun Peppi tagħna, chiecu fi żmien il mard jien mitt bil bìża!" kâl ŭieħed xŭejjaħ, ħafna snîn ŭara. "L'għaliex in-nies ta dic il beld ma chienux

iridu jieħdu id-dŭŭa li jictbilhom it-tabib għajr mn'idejn Dun Giŭżepp, billi marru daħħlu f'moħħom li it-tabib chien sejjer jatiehom ittazza!"

Billi il mejjtin bdeŭ jidfnuhom mal lejl, il Cappillan chien isîb ruħu hemm bil fehma illi f'dic il fixla ma isirx li m'hux xierak. U m'hux biss chien igħid it-talb li trid il Cnisja kabel id-difna; imma, laħak drabi ucoll igħin id-diffiena iġorru il mejjtin u iħaffru l'okbra. X'għageb li meta Dun Carlu żmien ŭara mâr jagħmillu żiara, sabu tbiddel bħal lejl minnnħar?

"Int marid?" staksih Dun Carlu.

"Jien?" ŭieġbu Dun Giŭżepp bla ittiesef.

"Iva, marid!" ndaħlet oħtu Rożina b'issaħna. "U chif tridu ma jimradx jecc colħadd isîb lilu, u katt darba ma jâf jieħles? M'ħux talli jiċċaħħad mill ichel biex ikassmu lil oħrajn, anki mistrieħ ta xejn mal lejl! Ħares lejh, għadma u gilda!"

"Seŭŭa kiegħda tgħidlec oħtoc! Ftacar, Pepp, illi fl'aħħar mill aħħar b'rasec idur!... Gebbed u gebbed, il ħabel jiżżarrat!"

"Tinkala' gmielec, kiegħed ngħid, iggibha fejn trid!" ŭieġbu Dun Giŭżepp.

Dun Carl, ta ragel li chien, ma telaklux. Chiteb minnufih lil Dun Costantini li Dun Giŭżepp kiegħed jinkàtel, u talbu iħabrec mal Iskofj u l'Iskof ħàchem fuku biex jibża għal saħtu: iżda, għal dan ix-xogħol, Dun Giŭżepp

ma chien xejn jinkala' u ma jafx mnejn jibda! Baka' jaħdem bħal kabel, jati ruħu u gismu għal merħla tal kàsam tiegħu; u minn għalih, ħalla f'idejn Alla. U ràġa ħa saħtu, u il bìża ta ħbiebu, mâr ma'r-riħ!

Chif chien ilaħħak ma collox, drabi ħadd ma sata' jifhimha: chien igħix ta fkîr, u igħin il fokra; bla ħbûb f'is-senduk, u igîb il kuddiem u iżejjen il cnisja tal parroccia.

"Mnejn ticsibhom daŭn il flejjes collha, sur Cappillan?" jistaksuh x'uħud.

"Alla għandu mnèjn, uliedi: u ħnientu bla tarf!" iŭiegibhom Dun Giŭżepp.

## 3. Canoncu u Iskof.

Hàbta tal ħarifa tal 1875, billi il Cancillier ta Trevsu bagħtuh f'beld oħra, l'Iskof ried miegħu lil Dun Giŭżepp Sarto. Chienu seŭseŭŭ jinħtigilhom ucoll mîn ikarar f'is-Seminarju, u aħjar minnu ma setgħux jagħżlu biex jilħak mal Curja u ma ruħ it-tiâl ta's-Seminarju; kaddis u għaref u fil ħin jinkala' ħafna, m'hux lachemm issîb ieħor ħħalu.

"B'xortija!" kâl Monsinjur Zinelli, Iskof ta Trevsu. "Dun Giŭżepp Sarto igħodd għalina: ieħor, ragel daksu, ma'ssibux f'mija!"

U sabiex ma imurx inakkas minn ħalku biex ikassmu lil fokra, l'Iskof riedu igħammar f'is-Seminarju u jiecol ma's-surmastrijiet.

Daks chemm ferħu daŭc uliedu maħbubin

ta Salzanu meta semgħu bl'aħbâr it-tajjba li hu laħak Canoncu ta Tresvu u Cancillier tal Curja, dakshecc ieħor għeleŭ jitilfu dac mis-sierhom it-tŭajjeb (għâd li ma chienx igħad-dîlhom ŭaħda) meta minnhom tbiegħed. L'eŭ-ŭel Hadd tal Avvent, il Canoncu Sarto nsibuh fil côr tal Catidral icanta l'Għasar.

Ir-Rettur ta's-Seminarju nżerta ŭieħed ħabib cbir tiegħu, Dun Piet Jacuzzi: ferħu b'xulxin ma ngħidilcomx chemm. F'isSeminarju chienu fuk il mija u ħamsin li fosthom erbgħa u ħamsin għal kassisin. Ŭieħed minnhom, snîn ŭara, chien isemmi fuk l'eŭŭel lakgħa tagħhom fil cnisja: " Niftacar seŭŭa x'kalilna dic il ħàbta Monsinjur Sarto; għâdni niftacru jibda b'daŭn il chelmiet: "Nistħajjilcom ilcoll râscom mim-lieha li sejjrin tiltakgħu ma xi ragel ta għerf cbir liema bħalu u jinkala' ħŭejjeġ tal għageb biex imexxi ir-ruħ. Ngħarrafcom mèla li jien dakxejn ta Cappillan ta'r-raħal: imma b'da-na collu, la darba Alla riedni haŭn, issabbru bija." Mill bkija, nèsa x'chien kalilhom dic id-darba; imma, daŭn il chelmtejn ma ħarġulux actar minn moħħu lil dac iż-żagħżuħ.

U chif bèda, baka' sejjer: it-tifsir tiegħu ta't-tŭemmin nisrani chien colħadd jifhmu u ħadd ma jiddejjak jisimgħu; u jixtiekuh jid-daŭŭar actar: schiet, u għainejhom fuku daŭc iż-żagħżaħ, u chiecu xiħadd fosthom jitteŭŭeb! Hsiebu chif igħallimhom it-tieba u chif jirbħu it-tfixchil li għâd miegħu jiltakgħu f'għomor-

hom. U fil ŭakt l'icunu jilagħbu, taħsbux li imurlec fil ġàbra ta camartu iħares minn ħoġor it-tieka lejn is-siġar iħaddru u il ŭard tal ġnien, jeŭ lejn ix-xmara għaddejja! Chien drabi jiġri magħhom u oħra jokgħod igħidilhom xi ħrafa minn daŭc li fihom it-tagħlim tagħhom, biex b'hecc actar jiġbidhom lejh u fil krâr iħeggiġhom għal mħabba t'Alla. Meta jomordu, cont tarah idur bihom bħala omm ħanina; l'ulied il fokra, ichissbilhom li jintigilhom; ilcoll iridhom iħobbuha l'indafa ta ħŭejjiġhom u ma jibżgħux għall ilma; iħenn għaliehom fil għali tagħhom; mîn ħakku, ma chienx ibengilhielu, u dac l'icun kalagħha il ħàsla, tibkagħlu xogħfa; iżda, mîn ħakku tifħira, ankas jibka mingħajrha; jeŭ mîn isîb ruħu f'xi għaŭġ, miegħu jiftaħ kalbu.

Darba ŭaħda fost l'oħrajn, ŭieħed minn daŭc it-tfâl, bin ħaddiem, samagħ li missieru ħarcuh għax għalaħlu iż-zmien li chellu iħallas dejnu u mnejn ma chellux. "Mûr għand Monsinjur Sarto!" ħajjru ŭieħed minn sħabu, għax lemħu b'id-dmugħ f'għainejh. Dan l'imsejchen mâr minnufih iħabbat bieb camartu;

"Idħol!..." ŭieġbu minn geŭŭa leħen ferrieħi. "Ibni, x'nista nagħmel għalic?" staksih Monsinjur Sarto chif daħal.

It-tifel bèda itemtem, u nfexx f'bichja. Meta mbâgħd semmielu fiex chien jinsâb missieru:

"Ruħi," kallu "ħŭejjeġ żgħar ŭisk bak-

għuli u ma nlaħħakx....Imma, la takta kalbec," issocta igħidlu ; " arġ'ejja għâda, u naraŭ...."

L'għâda, it-tifel sebaħ għandu:

" Int, jakaŭ, ħsibtni sejjer noħlok il flûs?" kallu il Canoncu Sarto bi tbissima biex jicciajta. "Haŭn għandec li jinħtieġlec għal missierec; iżda, la darba int usalt biex tordna, meta il kuddiem tcun tista iddabbar dan li tajtec, arġa rodduli; għaliex, biex ngħidlec is-seŭŭ, ħtieġli nissellifhom daŭn il flûs!"

Mîn jâf chemm drabi, fil chieraħ ta'x-xtieŭi, x'uħud m'it-tfâl il fokra chienu isibu magenb is-sodda xi ħŭejjeġ ta's-sûf li chienet tkegħedhomlhom bil moħbi l'îdħanina ta Monsinjur Sarto! Ŭieħed tal ħanut chien ta sicŭit iŭassallu is-Seminarju il cvieret ta's-sûf u ħŭejjeġ oħra: mîn chien jibgħat jixtrihom ħlief il Cancillier tal Curja? Fuk hecc li ma chien katt ifaddal għal għâda; li jakla, m'hux tiegħu. Kalbu ma chienitx ittih l'iħalliehom iħossu il bard daŭc uliedu, la missierijiethom ma chellhomx mniex jixtrulhom.

Għa'x-xogħol, dejjem l'eŭŭel ŭieħed imidd idejh: għal Eŭŭel Tkarbina ta 't-tfâl, ir-Rettur ta's-Seminarju ried ikabbad lil ħaddieħor.

" Le, le!" ŭieġbu Monsinjur Sarto. "Dan ix-xogħol imiss lili; m'injiex jien missier irruħ tagħhom? Mela dmiri li nidħol jien għalih dan ix-xogħol!"

U chif ilaħħak ma collox?...Ŭara ix-xogħol ta mindu jisbaħ sa jidlam, chien imur idur daŭra;

jinkala' xogħol barrani, arah jiċħad lilu in-nifsu minn din id-daŭra. Mill bkija f'it-triekât imdaŭ-ŭar b'it-tfâl; ŭakt l'ichel, jimbex lil sħabu u iderrîlhom bil ħrejjef l'igħidilhom u sejjer idaħ-ħachom: u daŭc is-surmastrijiet bakgħu jiftacru chemm sŭielhom għal ruħhom u chemm tgħallmu minn għandu, għâd li ma chienx iħobb mîn jak-bad isemmi fuk ħŭejjeġ tal għerf: collox f'ħinu u f'ŭaktu, u iż-żmien m'hux mitluf.

Tal camra ta magenbu, jisimgħu dejjem jitħarrec sa nofs il-lieli, darba staksih:

"Monsinjur, iva għâdec ma rkadx? Hal-lih għal għâda ix-xogħol, u jaħbatlec aħjar!"

"Iva, Dun Frangisc, collu minnu, u mie-għec ngħid! Mel'issa, isma minni, u għamel li għidtli, mûr orkod u orkod tajjeb!" ŭieġbu minnufih Monsinjur Sarto.

Meta is-sèna 1879, miet l'Iskof Zinelli, il Canonci għâżlu lil Monsinjur Sarto bħala Vi-garju. Fil ftit xhur li għaddeŭ sa laħak b'Iskof il ġdid Monsinjur Callegari, il gîd li għamel, ħŭejjeġ cbâr. Bil priedchi tiegħu, chien iħeggeġ il klub; u fejn jippriedca hu, in-nies tirtass fil cnisja. L' eŭŭel cliem tiegħu lil cleru, meta rieduh Vigarju, chienu daŭn:

"Huti għeżież, sħabi tal Capîtlu lili marru għâżlû biex immexxi din id-diocesi ta Trevsu, issa li Alla l'imbierec sejjaħ għal ħdanu dac l'Iskof illi għal bosta snîn, bl'għerf u it-tieba u il ħrara tiegħu, għaraf giebha il kuddiem; iżda, magħcom niftaħ kalbi u nistkarr illi kadt għalli

riedu minni, l'għaliex nâf li huma ma jibkgħux ma igħinuni narfa dan is-salib u nâf ucoll b'liema mħabba mxeū miegħi. Iva, nħossni moħħi mistrieħ bil għajnuna tagħcom; u jien nitlobcom tiftacru dejjem fi cliem San Paūl illi jaħtigilna nimxu chif xierak biex ix-xogħol tagħna ħadd imakdru ma jista. Nkisu, mela, li naħdmu chif jigi minnu, biex l'egħdeūūa tagħna ma isibux x'igħidu fina. Intcom, b'dic kalbcom mixgħula bl'imħabba tal erūieħ, igħduhom lejcom bl'imħabba. L'akūa xeūka ta Sidna Geżù, li aħna ninħabbu bejnietna chif chienu jinħabbu l'eūlenin nsara li chienu kalb ūaħda u ruħ ūaħda f'gieħ Cristu. Ħajjiêt il kassis, ħajja ta tigrib bla xejn ma takta: il ħajja l'ixxeūūex l'egħdeūūa għalina; u biex huma ma irażżnuniex, tinħtigilna ir-rabta tal mħabba ta bejnietna; u la darba icollna dìn l'imħabba, ħalli iħabbat il baħar, u ħadd ma jista għalina!"

Monsinjur Callegari, ūara tliet snîn fi Trevsu, laħħkuh Iskof ta Padūa, u haūn issa bagħtu lil Monsinjur Apollonio fl'1882.—Sentejn ūara, seūseūū f'għodūa minn ta Settembru 1884, fil ūakt li chien jaħdem fil Curja, l'Iskof sejjaħlu fil Cappella. "Dan x'chien?" kâl bejnu u bejn ruħu Monsinjur Sarto.

"Ninxteħtu it-tnejn għarcobtejna kuddiem Geżù," kallu l'Iskof, "u nitolbuh b'kalbna collha għalli jinħtigilna lilec u lili dan il ūakt!"

Ūara li flimchien kagħdu jitolbu fil għàbra, l'Iskof kâm u tah ittra f'îdu u kallu jakraha:

Monsinjur Sarto nfexx jibchi u jolfok, għaliex minnha għaraf li hu chien Iskof ta Mantŭa.

Għalchemm Monsinjur Apollonio żiegħel bih, u sejjer igħidlu li dic chienet ir-rieda t'Alla, Monsinjur Sarto chiteb Ruma biex jitlob il Papa jaħsibha aħjar, għax minn għalih ma jinkalax għal dan ix-xogħol kalil; iżda, il Papa ma fehemhiex bħalu.

Bħal berka nxterdet l'aħbâr ta Monsinjur Sarto, u in-nies ferħet: "Hilna nittenneŭha;" bdiet tgħid, "maħluk għal Iskof!"

F'Novembru telak lejn Ruma. Hŭa u għaddej minn Padŭa, l'Iskof ta hemm mâr li stazzjon jifraħlu. F'it-tmienja ta'x-xahar, Monsinjur Sarto steħed f'riġlejn il Papa Ljŭni it-Tlettax u ħareġ minn għandu mimli ħila u ħeġġa ġdida.

Iccunsagraŭh Iskof f'is-16; u għaxart ijiem ŭara, telak għal Trevsu fejn iddaŭŭar sitt xhur minn kabel nġabar f'Mantŭa.

F'dan iż-żmien, ried imur maŭra sa Vnezzja, ma ŭieħed ħabib tiegħu. F'it-trên ma nzertaŭx miegħu tnejn minn nies li kabdu isemmu fuk l'Iskof il ġdid ta Mantŭa bla ma setgħu jobsru li chien kuddiemhom, billi ma jafuhx? Bdeŭ jitħaddtu fuku u igħidu lil xulxin li xejn ma f'għajnhom minn dan l'Iskof il ġdid ta Mantŭa, u li moħħu ma jilħaklux u li actarx ma jinkalax għal dan ix-xogħol kalil, billi magħhom in-nies ta Mantŭa irid icun fuk tiegħu. Monsinjur Sarto ma ħâdha xejn bi cbira; u minn fuk, ndeħes jitchellem magħhom u żamm mal fehma

tagħhom għalli semmeŭ fuku; mbagħd, bla ma 'ttiesef, bèda juriehom chif imissu icun ir-ragħaj it-tajjeb, u daŭc it-tnejn stagħġbu bil għerf tiegħu, bla ma għâdhom jafu mîn chien. Sieħbu chellu lsienu jieclu biex jicxef il borma; imma, l'Iskof Sarto għammżu ma jiftaħx fommu. X'ħin ŭaslu, l'eŭŭel ma nìżel l'Iskof Sarto; u daŭc it-tnejn stakseŭ lil sieħbu:

" Mîn hu dan il kassis...? fih għaxka!"

L'ieħor ma felaħx actar; dâr lejhom b'tislima u jidħac, u ŭiegibħom:

" Dan hu l'Iskof il ġdid ta Mantŭa, la tridu tafuha!"

Nħallicom taħsbu fejn sabu ruħhom daŭc it-tnejn minn nies; ŭakt illi l'Iskof Sarto xejn ma tniffes.

Uliedu ta Mantŭa chellhom mitt sèna sa jaraŭh; chif ŭasal, daru miegħu b'ir-rassa; u biex dlonc jaktegħlhom xeŭkithom, ħtieġlu jixref minn tieka tal palazz li chienet tati fuk il piazza u jifraħ bihom u ibierichom.

It-taħŭid li sâb hemm, ħŭejjeġ cbar: kassisin u pôplu, ma jiftiehmux bejniethom; is-Seminarju, għoddu fieraħ; bosta parrocci, bla kassis; u ebda sìnodu ma chien ltaka' is-snîn ta snîn; fl'eŭŭel pastorali tiegħu, Monsinjur Sarto bèda biex kalilhom:

" Minn għalija, dieħel għal dmiri b'ħîlti collha, b'fehma l'incun ta gîd lil erŭieħ. It-tâma tiegħi f'Alla, u Alla jati il ŭetka mkâr lil ankas ŭieħed; u bil għajnuna tiegħu nħossni li collox

nista: il kaŭŭa tiegħu bla tarf, u jecc f'idejh nintelak, il kaŭŭa tiegħu tcun il kaŭŭa tiegħi; l'għerf tiegħu bla tarf, u jecc Lilu nfittex, le ma nitkarrak; it-tieba tiegħu tieba bla tarf, u jecc fih nittama, ma jitlaknix għal rajja. Din it-tâma torbotni ma Alla tiegħi, u Lilu miegħi torbot. Għâd li ftit li xejn ninkala' għal dan ix-xogħol, il kaŭŭa u it-tama tiegħi fih. Għal mħabba ta għajri, jaħtieġli nidħol għal coll tiġrib u għal coll tbatija; nkîs li fejnj onksuni, naħfrilhom, u ir-rŭiefen nħalliehom igħaddu; neħodha mal ħażen, u it-tâma tiegħi f'Alla."

L'eŭŭel ma ħa ħsieb, is-Seminarju; f'kasir żmien sata' l'Iskof jicteb lil ŭieħed ħabib tiegħu: "Għandi mija u seba' u erbgħin tifel, ilcoll dħulin u f'aptithom."

Nofs ir-rħula chienu bla kassisin. Fuk hecc, l'Iskof fettex ilakka' is-Sìnodu: "Jecc il pôplu ħadd ma isemmîlu fuk Alla u is-Sagramenti u il ħajja ta dejjem," bèda igħidilhom lil kassisin miġburin kuddiemu, "ma jibkax nies. La taktgħux jiescom, la tibżgħux m'it-tfixchil, collox jista mîn irid jidħol għa'x-xogħol u jidħol għalih għall imħabba t'Alla."

Biex ilaħħak ma's-Seminarju, fettex biegħ il ftit ràba li messu f'Riesi, għaliex ħaġ'oħra ma chellux; u oħrajn, jaraŭh ikassam ħŭejjġu, bdeŭ igħinuh bi flushom bla ma jitlobhom.

F'iż-żiara tal Iskof fil beld u ir-rħula, chien jokgħod jisma colmîn jiersak ichellmu; iridhom jiftħu kalbhom miegħu bħala iben ma missieru.

Darba fost l'oħrajn, mâr il palazz ichellmu ŭieħed xŭejjaħ; u daks chemm lakgħu tajjeb, iddaŭŭar ħafna igħid fuk ħaġa ta xejn. "Nista nokgħod fuk cliemec?" staksih ix-xiħ, meta l'Iskof ŭegħdu li jagħmel colma jista għalih, billi ħaseb li chien kiegħed jitħaddet mal Cappillan tiegħu.

"Jakaŭ," ŭieġbu Monsinjur Sarto "mela int ma temminx li kiegħed igħidlec l'Iskof?"

Biex il kassisin ta'r-raħal, li actarx fokra, ma tigiehomx tkila, chien dejjem igħarrafhom minn kabel ma imur iżur il cnejjes tagħhom, li ma iridhom jokogħdu ilestulu xejn: jiecol magħhom milli għandhom. U l'isbaħ lakgħa li jistgħu jagħmlulu, illi in-nies tersak tisma il kuddiesa tiegħu u jitkarbnu fiha minn idejh.

U billi il Cnisja u il Gvern tal Italja chellhom dejjem x'igħidu bejniethom (u ankas f'Mantŭa dic il ħàbta ma chienu mexjin ħarir), Monsinjur Sarto ħaseb mill eŭŭel lil Gvern jidħollu biex isir il ftehim għal gîd ta uliedu; u ħareġ gażżetta minn tiegħu, għaliex fi żmien'na il gażżetti jisŭeŭ ŭisk u jinħtieġu mill actar biex l'Iskof ilaħħak leħnu lil uliedu, bosta actar milli il Cappillan jakralhom il pastorali minn tieg u, għaliex mîn jisma u mîn ma jismagħx, u m'hux colħadd dac il ħin jinzerta il cnisja.

Collumchien fil cnejjes tiegħu ried li jitfisser it-tŭemmin nisrani; u meta imur iżûr ir-rħula, jistħarriġlec l'it-tfâl biex jara x'jafu; u m'hux biss dan, iżda il missierijiet u l'ommijiet li ma jibagħtux l'uliedhom jitgħallmu

id-dutrina, ma chienux jaħbtu tajjeb miegħu, għax daks chemm chien tal ħniena għal magħdurin dakshecc ieħor iżomm jiebes fejn erŭieħ uliedu setgħu jittebbgħu jeŭ jidħlu f'it-tiġrib fuk li mîn imissu jibża għaliehom u jaħsbilhom għal ħajja ta dejjem, jitilkilhom għal rajhom.

Ikaddes ta coljum fil ħamsa biex mbagħd ikarar fil catidral; jieħu il cafè u jibda ix-xogħol, u jibka sejjer sa filgħaxija; joħroġ daŭra mal beld, u jinġàbar ħàbta ta'd-disgħa, u jarġa jibka sejjer b'ix-xogħol sa nofs il-lejl.

" Jecc in-nies ta Mantŭa ma għadx iħobbu dan l'Iskof tagħhom, ma nâfx lil mîn jistgħu iħobbu! "kâl il Papa Ljuni it-XIII meta bagħtilhom lil Monsinjur Sarto bħala Iskof.

## 4. Patriarca ta Vnezzja.

Fuk il meŭt tal Patriarca ta Vnezzja, il Papa Ljuni it-XIII bagħat hemmecc lil Monsinjur Sarto, u mbagħd stgħollih Cardinal nhar is-7 ta Giŭnju 1893. Imma, il Gvern Taljan ma riedx jâf bih u żamm jiebes la darba ma talabx għalih hu; u ŭebbes rasu u ma ħallihx jidħol fi Vnezzja, għâd li ŭara sittax il xahar kata' jiesu u telaklu jagħmel l'irid, għaliex in-nies bdiet tixgħel għal Gvern.

Minn Ruma, il Cardinal Sarto baka' sejjer sa Riesi jara l'ommu: in-nies lakegħtu bl'akŭa ferħ; u fil hena tagħhom, hecc chif raŭh, kabdu

ighajjtu : "Dun Giużepp ! Dun Giużepp !" seŭ bhal meta chien Vici ta raħal tŭielidu, fejn hu għamel l'eŭŭel tkarbina, fejn kaddes l'eŭŭel kuddiesa tiegħu. Ommu Gherit bdiet tibchi bil ferħ tarah liebes l'aħmar dan binha, u chemm bchiet bil għali x'ħin geŭ biex jinħrdu u għannkitu u biesitu: mîn chellu igħidilha, għalchemm chienet daħlet f'it-tmenin sèna tagħha, li katt actar ma chellhom jiltakgħu fuk ŭiċċ din l'art?

F'Settembru 1894, il Cardinal Sarto daħal fil beld tiegħu ta Patriarca; fejn il Veneziani, daks chemm stenneŭh u xtakuh biex issa juruh il fehma tagħhom li xejn ma chienet takbel ma tal Gvern, żejjnu il piazez u id-diar bil bnadar. Chif ŭasal, bagħtulu gondla, u il kniepel collha idokku, fil ŭakt li hu mill prŭa, liebes l'aħmar, ibierec in-nies marsusin fuk il ħnejjiêt u il banchini u f'it-tŭieki, hŭa u għaddej m'it-torok ta din il beld, l'isejjhulha is-Sultana ta Baħar.*

L'għâda, kaddes cantât fil cnisja ta San Marc: "Imissni nirgħex" kalilhom l'in-nies li marret bi ħġarha fil cnisja "fuk din il lakgħa li għamiltuli, li ma contx nifhimcom li b'dakshecc tridu turuni mħabbitcom lejn l'Iskof tagħcom, lil dan Missiercom, u il Patriarca tagħcom; u dakshecc ieħor ncun jien nħobbcom. Meta Geżù telak fi ħsieb Pietru in-ngħajgiet u l'iħrief tal merħla tiegħu, għal tliet darbiet hu

* Billi din il beld mibnieha fuk il baħar, it-torok tagħha actarx collha mogħdijiet tal ilma, bil banchini ma tûl l'idjar.

staksih jecc iħobbux, biex hecc ifehmu chemm l'imħabba meħtieġa fuk collox f'kalb ir-ragħaj tal ŭrieħ. Minn dan il ŭakt jien lilcom ilcoll nħaddancom ma kalbi; lilcom jien nħobbcom bl'akŭa mħabba ta'r-ruħ, u nixtiekilcom coll gîd l'ir-ruħ tagħcom: l'għaliex, iva, intcom uliedi, ilcoll chemm intcom, kassisin u cbarât, għonja u fokra. Kalbi u mħabbti huma tagħcom, u xejn minncom ma nitlob għajr li trodduli mħabba b'mħabba. Ma għandix ħlief xeŭka ŭaħda, illi intcom għâd tcunu tgħidu minni: —L'Iskof tagħna hŭa ragel ta fehma tajjba, illi jâf iżomm f'idejh chif jixirkilha il bandiera ta Sidna Geżù Cristu, li ma iridx għajr is-seŭŭa u li jagħmel il gîd.—U la darba Alla l'imbierec ried lili, fkir u bin il fakar, jistgħollini ta Patriarca, ma jibkax ma iŭettakni biex dan id-dmîr tiegħi jien nakdi chif jigi minnu. Bħala Iskof, hŭa id-dmîr tiegħi illi nżomm ma's-seŭŭa t'Alla, u lilcom nfiehemhulcom; minn għalija, haŭn jien biex ħajjti nati għal gîd tal erŭieħ. Intcom li tgħożżu il ħŭejjeġ t'Alla, akbżu dejjem għalija billi tgħinuni bil ħeġġa tagħcom; u Alla jatina li jinħtigilna biex flimchien nibkgħu naħdmu għalli f'nofscom bagħatni bħal Ragħaj tagħcom."

X'ma ngibdux lejh jisimgħuh ichellimhom bħala missier ħanin! Cont rnbagħd tarahom imorru għandu, seŭ għonja u fokra, seŭ cbârat u żgħâr, u miegħu ilcoll jiftħu kalbhom, u hu jokgħod jismagħhom b'is-sàbàr, u dac il bieb tal

palazz tiegħu dejjem miftuħ biex lilhom jilkagħhom: u id-dùejjak tagħhom, dùejjak tiegħu, u colħadd joħroġ minn għandu daħcani, seùù meta satagħ jakdiehom jeù ma satagħx, għax il chelma it-tajjba katt ma naksithom. "Mimli bil ħniena u jinkala' ma'n-nies," ħalla bil mictub ùieħed minn ta geùùa, "bil għaxka tal mgieba tiegħu u tbissima ħelùa fuk xoftejh, tħossu ¡fissirlec il chelma t'Alla, iħares biss lejc!"

Ħalħ mbagħd għalih għal priedchi; għaliex, chif chien igħidilhom lil kassisin, il ħafna priedchi bi ftit tagħlim fihom, ma jisfgħu ta ebda gîd lil mîn jismagħhom. "Xejn ma għandcom xi triduhom daùc il ħafna priedchi b'ix-xniexel u il ùard; fissru il chelma t'Alla chif jistgħu jifhmucom, jecc tridu tasseù il gîd tal erùieħ u m'hux eùùilla turu xirfcom. In-nies għandhom l'għaċċ ta's-seùùa; ùettkulhom mela ir-ruħ tagħhom bil cliem tal ħajja ta dejjem." U il kassisin chien dejjem iridhom b'suttana nadifa u mgieba mill aħjar, biex ankas f'dan in-nies ma issîb x'tgħid fihom!"

"Hemm hu il maħbub Patriarca tagħna!" igħidu il xulxin meta jaraùh għaddej; u katt ma jixbgħu iħârsu lejh daks chemm ħabbeùh. "Araùh, araùh, dejjem moħħu biex jagħmel il gîd; Alla ibierec lilu u l'ommu li rabbietu!" sejjrin iraħħmulu.

Miegħu chienu igħammru tnejn minn ħutu u bint oħtu l'oħra, u jaħsbulu għal collox f'iddâr. L'ecomnu tiegħu ma chienx jâf fejn jibda

jati rasu, u ħtieġlu jierħilu il flûs f'idejh b'ir-rekka, għaliex il Patriarca chien collox irid ikassam lil fokra. Araŭ chemm, illi chienu igħidu illi iċ-ċurchett tiegħu ta Iskof, actarx mirgħun jeŭ le!

"M'aħniex bħal dâri!" kallu darba ħabib tiegħu li ŭasal ŭasla sa Vnezzja jarah, x'ħin il Cardinal ħareġ arloġġ ta'd-deheb minn butu. "Tiftacar xejn f'dac tal fidda ta meta bgħattni niragħnulec f'Tomblu?"

Kabad jidħaclu il Cardinal Sarto u għainejh fuk l'arloġġ: "Iva, li chieçu mîn tahuli ma marx għaddielu minn moħħu l'irid iħażżeż fuku l'arma tal Patriarca!"

"Aħfirli," chiteb lil ŭieħed kassis ta Mantŭa li chien talbu xi għajnuna, "aħfirli talli bgħattlec din il ħaġa żgħira; iżda, cûn âf illi jecc f'Mantŭa cont fkîr, haŭn issa sirt tallâb!"

F'ix-xahar ta Aŭŭissu ta's-sèna 1898, fil beld ta Vnezzja sâr il Cungress Eŭcaristcu; daks chemm ħadem għalih biex collox imur seŭŭa, biex titcattar f'uliedu il kîma lejn Geżù f'is-Sagrament tal mħabba mkaddsa tiegħu, ma bakagħx x'ma għamilx. "Din il Lakgħa" kalilhom l'uliedu, "sejjra issir b'fehma sħiha li nħallsu għalli nkasna f'dan is-Sagrament Mkaddes; biex nitolbuh illi il fehma tiegħu tcun il fehma tagħna, biex in-nâr tal mħabba tiegħu, tħeggeġ l'egħmejjel tagħna; il kîma tiegħu, it-tŭemmin tagħna; il ħajja tiegħu, il ħajja tagħna."

F'din il beld ta Vnezzja, il Cardinal Sarto

bagħat għal Dun Laūrenz Perosi, li chien jafu f'Mantūa, u kabbdu jaħsiblu għal mûżca fil cnejjes, fejn chienu jilħku idaħħlu it-trombi u is-sfafar! U rnexxielu idaħħal il cant gregorian, fejn dari in-nìsa, ūakt il kuddiesa, chienu laħku icantaū l'*O Salutaris* b'in-noti tal Faūst! Mbagħd, meta semgħu il kuddiesa tal Palestrina fil cnisja ta San Marc, il Venezziani ma stagħġbux bi ftit b'dac il ġmiel tagħha, għâd illi chienu bdeū jitmeżmżu għal eūūel li semgħu b'it-tibdila li chien bi ħsiebu jagħmel il Patriarca tagħhom.

Fil gżira ta Buranu, li ūaħda mill gżejjer ta krîb il beld, chienu fl'imgħoddi jaħdmu il biżżilla msejjħa ta Vnezzja u in-nies ta bemm chienu igħixu minn dac ix-xogħol. Meta il Cardinal samagħ bil fakar tagħhom, ried jarġa iūakkaf din is-sengħa li dari chienu jinkalgħu seūūa fiha, u dic il ħabta laħku telkuha u nseūūha. X'jagħmel? Talab lil ūaħda sinjura tmur titgħallem din il biżżilla minn għand ūaħda xiħa li chienet għâdha tâf taħdimha; u x'ħin tgħallmet, kabdet tgħallimha lil xi xebbiet: u f'kasir żmien, sitt mitt xebba traūūmu għal dan ix-xogħol, u il gżira ta Buranu stejkret, u il fokra chellhom mnejn igħadduha m'hux ħażin.

Għâd li chien Cardinal, xejn ma chien jaraha bi cbira li jokgħod jakdi dmirijiet il Cappillani; contu taraūh imur bil viatcu tal morda; jokgħodloc għal krâr, jeū jippriedca rtirijiet fil

cnejjes tal beld u ir-rħula ta madŭarha; iżur il morda fl'isptarijiet; isabbar in-nies tal ħabs: u l'erŭieħ it-tajjba u il midimbin, isibu fih missier ħanin, għaliex mkâr it-tbissima tiegħu issaħħrec u tiġbdec lejh; u tħossoc trid tiftaħ kalbec miegħu.

Darba ŭaħda, kassis ħabib tiegħu l'inzerta għandu, staksih minn aŭl-il-lejl jecc icunx jista ikaddes cmieni biex jilħak it-trên. "Għaliex le?" ŭieġbu il Cardinal. "U naħsiblec jien; u int, għalchemm tmur tkaddes!"

Mîn jista ifisser chemm stagħgeb dan il kassis x'ħin niżel isfel u iltaka' fil cappella tal palazz mal Patriarca kiegħed iħejjilu collox għal kuddiesa!

" Imm' issa mîn sejjer igħini?" staksih.

" Jien...! " dlonc ŭieġbu il Cardinal.

" Ma jistax icun!... ma jistax icun!..." bèda itemtem il ħabib tiegħu.

"X'inhù?" kallu il Cardinal jidħac; "mela int sejjer b'moħħoc illi il Cardinal ankas biss jinkala' biex igħin kuddiesa?"

U ħtieġlu jokogħdlu; għaliex sa għânu jilbes għal kuddiesa bħala dakxejn ta abbati.

Darb'oħra chellu imur iżur Cunvent ta's-Sorijiet ta raħal fil krîb tiegħu; telak ma't-trên, u x'ħin ŭasal, daħal f'dakxejn ta carozza nofs chedda, bil fehma li igħaddi ta kassis u ħadd ma jintebaħ bih. Mîn chellu igħidlu li f'kasir żmien, hu, illi minn għalih chien dejjem

ifittex jinħèba, chellu jilħak dic l'għolja, fejn għainejn id-dinja iduru collha lejh?

## 5. Papa.

Nhar l'20 ta Lulju 1903, il Papa Ljuni it-XIII telak għal ħdân Alla, ŭara l'erba' u id-digħin sèna ħajja, li minnhom ħamsa u għoxrin bħala ir-Ragħaj tal Nsara collha; u id-dinja tbiccmet bl'aħbâr tal meŭt tiegħu, daks chemm ħàdem sal aħħar nifs ta ħajjtu għal gîd tal Cnisja Mkaddsa.

Meta il Cardinal Sarto għarrafhom b'din l'aħbâr lil uliedu ta Vnezzja, kalilhom: "Issa intcom itolbu l'Alla jibgħat lil Cnisja Ragħaj ieħor għal kalbu!" Fejn katt bàsar li chellu icun hu dan ir-Ragħaj għal kalb t'Alla! Imma b'dan collu, Ljuni it-XIII, xi ftit kabel meŭtu, kâl lil ŭieħed ħabib tiegħu: "Jecc urajja jagħżlu xi Cardinal m'hux minn daŭc ta Ruma, nħoss kalbi teħbirni illi jagħżlu il Cardinal Sarto."

Għaxart ijiem ŭara, jigifieri fil 31 ta dac ix-xahar, il Cardinali chellhom jiltakgħu fil Vatican biex jagħżlu Papa ieħor; imma, il Cardinal Sarto ma satagħx jitlak lejn Ruma kabel is-26. Hutu bdeŭ jitħassbu li ma jarġagħlhomx l'ura, u il Cardinal bèda jidħac, għaliex dehirlu li ma messhom katt igħaddilhom minn moħħom li hu sejjer jilħak xiħaġa.

"Isa!" kallha l'in-niputija tiegħu Amalja; "isa, mûr u għaġġlu xi ftit lil Dun Bressan, u

għidlu li aħna sejjrin maŭra sa Ruma u m'hux eŭŭilla sal Amerchi!" billi tnicchirlu.

"Eħles u fittex ejja!" kaltlu Amalja.

Imma, ħutu ma riedux jifhmuha bħalu u nfexxeu jibcu għax deħrilhom li sejjrin jitilfuh. In-nies f'it-tŭieki, hŭa u għaddej bil gondla; rassa ta nies, fkâr u għonja, ma tûl ix-xatt; colħadd irid isellimlu, colħadd għainejh idemmgħu għax colħadd iħobbu għal mħabba li chien iħobbhom.

"Bericna! iddeŭ bericna darb'oħra!" bdeŭ igħajjtu. "Mîn jâf nerġgħux katt naraŭc!"

"Hajj jeŭ mejjet, narġa nigi!" ŭiegibhom. Mbagħd dâr lejn Dun Giŭann Bressan, u kallu:

"Ixtri biljett immorru u niġu, għaliex jigina orħos!"

Dic il lejla, x'ħin ŭasal Ruma, ŭaħda Venezjana marret tarah u tarrfitlu fuk ix-xeŭka li chellha li jilħak hu Papa. Kabad jidħac il Cardinal, u kalilha: "Imissec tistagħgeb li Alla l'imbierec irid jinkèda sa bi bniedem bħali biex jagħżlu il Papa!" U x'ħin chien għaddej minn bisŭit il Castell ta Sant'Anġlu, daŭc tal għassa billi chienu Venezjani, riedu jagħmlulu il *presentarms* bħallichiecu lil Papa; il Cardinal Sarto għaddiehom ta tfâl: tbissmilhom u bierichom.

Ŭieħed Cardinal franciż li ma chien jafu, resak lejh jistaksih jecc jinkalax jitchellem bil lsien franciż:

"Le, ma nâfx bil franciż!" ŭieġbu il Car-

dinal Sarto bil lsien latin. "Jien Patriarca ta Vnezzja."

"La int ma tafx bil franciż," kallu l'ieħor, " ma tcunx Papa!"

"F'ħajjêt Alla!" ŭiegeb il Cardinal Sarto.

Imma, Alla lilu ried; għâd li hu, mixħut is-siegħât kuddiem Geżù, talbu bil ħniena ma idaħħlux f'dan it-tiġrib—u meta ràġa sebaħ, ŭara daŭc l'erbat ijiem li l'erba' u sittin Cardinal bakgħu magħlukin fil Vatican jitolbu l'Alla jatiehom id-daŭl lil mîn jagħżlu, laħak Papa hu; il Cardinal Sarto!

"Icun l'irid Alla!" kâl hu b'id-dmugħ f'għainejh, musfâr u mriegħed meta marru stakseŭh x'isem jieħu bħala Papa.

Hutu nfexxeŭ jibcu u jolfku meta jaslitilhom ix-xniegħa li ħuhom laħak Papa:

"X'ŭaħda ġratilna, x'ŭaħda ġratilna!.... l'għaliex ma għażlux xi Cardinal għâdu żagħżuh? għaliex ħadulna lil ħuna?.... Katt actar issa ma nerġgħu naraŭh magħna lil Beppi!"

Piŭ l'x bierec mill gallarija tal Cnisja ta San Pietru ir-rassa ta nies li chienu jittenneŭh biex jaraŭh; minn hemm telak għal ħdejn il Cardinal Herrera y Espinosa, Iskof ta Valenzja, ragel ta tmenin sèna, mixħut f'kiegħ sodda sejjer imut. Biercu, u ma tberica tiegħu il Cardinal stejker u kâm bilkiegħda fuk issodda; u tliet ijiem ŭara, kâm u f'kasir żmien siefer lejn Spanja, isemmi ma colħadd li fejkitu it-tberica tal Papa!

Ferħet l'Italja li laħak Papa il Cardinal Sarto, billi chienet tafu; imma, fil bkija ta'd-dinja, chienu għâdhom iridu jagħarfuh. "Tgħid x'sejjer jagħmel dan il Papa, ŭara Ljuni it-XIII?" bdejt tismagħhom jistaksu lil xulxin. Imma, bil-chemm għaddeŭ xahrejn u hu sammagħ leħnu, bl'eŭŭel ittra li chiteb lil nsara ta'd-dinja collha.

"Ma nokgħodx nfissrilcom chemm xerridt dmugħ u chemm tlabt l'Alla jieħlisni minn dan is-salib" bèda biex igħidilna ma Sant Anselmu meta laħħkuh Iskof. "Chif stajt ma nsibx ruħi mfixchel bil ħsieb biss li marru lili għażluni biex nired il mîn kàbli, għal dŭar sitta u għoxrin sèna, għaraf imexxi id-dgħajsa tal Cnisja b'għerf u kdusija illi sal egħdeŭŭa ngibdu lejh?" U mbagħd issocta igħid illi id-dinja tinsâb fiex tinsâb l'għaliex tbiegħdet mn'Alla, u nsietu..."B'it-tâma tal għajnuna tiegħu, ma għandix fehma oħra għajr illi nressak id-dinja lejn Cristu Sîdna biex ilcoll nsiru ħaġa ŭaħda miegħu." Cliem tal ħeġġa cbira tiegħu għal gîd tal erŭieħ, cliem li minnhom id-dinja collha għarfet x'Papa cbir Alla l'imbierec ried jagħżel għal uliedu; għax ebda feħma oħra għajr din katt ma chellu Giŭżeppi Sarto minn mindu laħak kassis! U id-dinja kalet minnufih: "Dan Ragħaj tal erŭieħ!"

Fost l'eŭŭel ħŭejjeġ li għamel dan il Papa Piu l'x, ried li jitkassmu ħamsin elf scût bejn il fokra ta Ruma, u ħamsa u għoxrin elf oħra



bejn daũc ta Vnezzja. " Ma jidhirlecx li bosta?" mierih l'Econmu tiegħu.

"Mel'int ma temminx bil ħniena t'Alla?" staksih il Papa; u il flûs tkassmu chif ried hu.

U billi ma chienx jista actar imur iżurhom fi diarhom il maħbubin fokra tiegħu, bèda jistiedinhom ta coll Nhar-ta-Ħadd, parroccia ũara l'oħra, imorru fil btieħi tal Vatican biex jisimgħu minn fommu it-tifsir tal evangelju: "Ħobbu l'Alla u għixu ta nsara!" chien dejjem itennîlhom, u ixxurtiati daũc li chienu imorru isimgħu il chelma t'Alla minn fomm Cristu ta dina l'art.

## 6. Fehmiet Piu l'X.

Din chienet il fehma ta Piu l'x minn mindu kaddes l'eũũel darba, sachemm minn Cappillan ta'r-raħal, laħak Iskof, u Patriarca, u Cardinal u fl'aħħar Papa: illi bil ħrara f'it-talb, bil ħeġġa tal mħabba t'Alla fil kassisin, b'it-tifsir ta't-tũemmin tal Cnisja seũ lil cbar chemm l'it-tfâl, bil għajnuna lil ħaddiema u lil fkâr, b'irġulija lejn il ħbieb u l'egħdeũũa, bl'imgieba it-tajjba lejn mîn iriegi il-pajjiż, billi ũieħed jiersak lejn il Cnisja u it-tkarbin mkaddes, tisseũũa id-dinja, u nsiru ħaġa ũaħda ma Cristu.

Chellu tmienja u sittin sèna meta Giũseppi Sarto laħak Papa; imma, b'is-snîn li għaddeũ minn fuku, chien għâdu f'saħtu ũ fuk ruħu. Ibaccar minn cmieni u jinġâbar siegħa kuddiem

Geżù jitlob u igħid l'uffizzju, u ikaddes ma's-6; mbagħd jakbad ix-xogħol ta coljum u ikassam is-siegħât biex żmien ma jitlifx, u ilaħħak ma'd-dmirijiet tiegħu. U billi moħħu chien jilħaklu u ragel ta ħila, minnufih chien jakbad x'chellu jagħmel; jokgħod itehemha tajjeb, jifhimha, u mbagħd jagħmel li jidhirlu għall aħjar, bla ħadd actar ma idaùùrù: fixla ta xejn, jisma iż-żeùġ kniepel, u jakta il ħakk. U meta jinħtieġ, jagħmel l'icollu jagħmel, ta ragel li chien u fuk collox kaddis. Mitùeled fil fakar, mrobbi ma'n-nies ta'x-xogħol, tgħallem il għerf fuk il Cotba Mkaddsa, u sâr jinkala' għal ma'n-nies u imexxi id-dgħajsa.

"Intix bil fehma tagħmel għa'd-dinja collha dac li għamilt għal mûżca fil cnejjes ta Vnezzja?" staksih lil Piu l'x ùieħed għaref franciż.

"Iva," ùieġbu il Papa, "u mill actar fìs; iżda, naħseb li ser iħabbtuni ħafna! U m'hux fuk il mûżca biss!" issocta igħid, għax moħħu mâr fuk il bosta ħùejjeġ l'oħra li chien biħsiebu iseùùi.

Nhar it-22 ta Novembru 1903, Piu l'x ħareġ il *Motu Proprio* fuk il mûżca tal cnejjes. "Xejn fil cnejjes ma imissu jidħol li m'hux xierak għa'd-Dâr t'Alla," chiteb il Papa. "Meta il mûżca fil cnejjes tcun li imissha tcun, tħeġġeġ l'insara fl'imħabba t'Alla; fuk hecc illi jintiegilha tcun mimlieha kdusija, u xorta collumchien; u għal dakshecc ma haunx akùa actar mill cant gregorian." Piu l'x ma riedx nìsa

fuk l'orgni, imma stâk canturi li jinkalgħu seŭŭa; u milli għadda minn għalih fejn cħien Cappillan u Iskof, deherlu illi ma hemmx l'għaliex ŭieħed jibża li daħ ma jistax isir fil cnejjes collha tal nsara. Għâd li għamel chemm sataghħ, Ljuni it-xiii ma laħakx giebha il kuddiem, għaliex sa bagħat għal Dun Laŭrenz Perosi minn Vnezzja u telaklu f'idejh il Cappella Sistina biex imexxieha hu. Dan il *Motu Proprio* ta Piu l'x lakgħuh b'ferħa cbira daŭc l'iħobbu il mûżca chif xierka; l'oħrajn li bosta minnhom miġbudin għal mûżca ta't-tiatri, iddejjku ŭisk u ghemgmu minnha. Ma tgħidx Piu l'x ma chienx iħobb jismagħha il mûżca issabieħa; imma, għal cnejjes, chien jidhirlu li ma tgħoddx il mûżca ta't-tîatri, la darba il ħaġa trid tcun xierka għalfejn ŭieħed iridha: il cnisja titlob il ġàbra biex ruħ in-nisrani titħeġġeġ bl'imħabba t'Alla; collox f'ħinu u f'ŭaktu.

Għa'n-nies ta's-snajja, għal bdieŭa, għal fkajjrin, x'baka' ma għamilx Piŭ l'x? Dac li chiteb fuk hecc il Papa ta kàblu, ràġa tennih hu chemm il darba f'ittri oħra minn tiegħu lil nsara, tibda mill eŭŭel ŭaħda: ŭara li semma li mîn hu għâni u mîn hu fkir, mîn għaref u mîn niekes minn moħħu, u li collħadd għandu jedd fuk ħŭejjġu seŭŭa fuk dac li ŭired jeŭ li kalgħu bil għarak ta ġbinu, fissrilna chif imisshom igibu ruħhom bejniethom daŭc l'iħaddmu u ta'x-xogħol, u l'għâni u il fkîr bejniethom,

jigifieri li chif jigi minnu, chif igħallimna Geżù fl'evangelju u il Cnisja Mkaddsa tiegħu; jissocta ifisser illi mîn jicteb fuk chif trid tcun din l'imgieba, jaħtieġlu jkîs li ma joħlokx il mibegħda u il ġlied ta bejniethom. U jecc dan icun, colħadd jaħbatlu aħjar, u id-dinja timxi chif irid Alla la darba colħadd iħobb lil xulxin bħala aħûa u ulied missier ûieħed. Actar ma nitbegħdu mill Cnisja, actar nsiru barranin bejnietna; actar ma nokogħdu għa't-tagħlim tal Papa, dejjem actar nsibu dac issàbar li hua il hena ta dina l'art. Fuk hecc, jaħtigilna nerġgħu għalli dari, jigifieri li Cristu icun magħna fi diarna, fli scola, collumchien; illi natu il kîma li tistħokk lil Iskof u lil Gvern ta fejn ncunu; li naksmu mal fkîr seû l'hena chemm id-dûejjak tiegħu; l'igħaddu il ligijiet ix-xierka u tal ħakk u jiergħu jitħassru daûc li m'humiex; li ûieħed iżomm dejjem ma's-seûûa t'Alla f'collox u mal Cnisja tiegħu.

" X'nista nagħmel għal Cnisja?" staksietu lil Piu l'x ûaħda màra ta'r-ruħ.

" Fisser it-tagħlim nisrani!" ûiegibha il Papa dic is-siegħa. U intcom tafu chemm hu chien jixtiek it-tagħlim ta'd-dutrina.

U chemm chien iħobbhom il Cotba Mkaddsa u jitgħallem minn fukhom, taraûh mill Encîclichi (ittri) tiegħu lil nsara collha, li bihom ħajjarhom ucoll jistħarrġu fl'għerf li tgħallmu f'żogħrithom.

Daks chemm chien iħobb jilgħab u jir-

raggia meta chien is-Seminarju, dakshecc ieħor baka' jimbixhom l'it-tfâl ħal jarahom jakbżu u jilagħbu; u il ginnastca chienet tgħoġbu ŭisk. Meta marrulu fil ġnien tal Vatican ħafna tfâl juruh x'tgħallmu: "Minn għalija" kalilhom, "dan il logħob ŭisk għal kalbi: il ginnastca, il bajschil, id-dgħajjsa, it-tellieka, u x'nâf jien; għaliex din il mogħdija ta'ż-żmien tbiegħidcom mill għażż, missier id-draŭŭiet il ħżiena, u iżżomcom dejjem f'saħħitcom; u dic il għejra ta bejnietcom ta mîn jirbaħ, tŭettakcom f'is-seŭŭa: iva, tŭettku f'it-tŭemmin mkaddes, ibkgħu ulied tal Cnisja u ħobbuha, irbħu it-tfixchil ta'd-dinja, u jikgħu rgiel għal gîd ta ruħcom u ta ruħ ħutcom."

"Mbiericcom ilcoll chemm intcom, cbâr u żgħâr, għonja u fokra," kâl lil bdieŭa li marru jaraŭh sa mill Moravja; l'it-tajjbin, biex jibkgħu tajjbin; lil msejcna li tbiegħdu m'it-triek ta's-seŭŭa, biex jierġgħu għalli chienu; lil missierijiet u l'ommijiet, biex irabbu l'uliedhom fl'imħabba t'Alla; lil ulied biex iŭeġġħu l'ommhom u il missierhom u art tŭielîdhom."

"Ħajjru lil għonja igħinu il fkîr," kâl darb'oħra; "għidu lil fkajjrin li għandhom biex jiftaħru li Alla ried jagħżilhom bħala ħutu fuk dina l'art. Ŭissuhom ma igħejrux jeŭ jobogħdu lil għajrhom, iżda jieħdu collox mn'idejn Alla, u jistabru."

Lejn in-nies ta'r-raħal tiegħu, mbagħd, Piŭ l'X chellu l'akŭa gibda: "Li contnista nfissrilcom x'inħoss f'kalbi għalicom," kalilhom lil

daŭc li marru jagħmlulu żiara, "sa jinżel il-lejl, il-lsieni icun għadu igħid!" Imma, bl'imħabba collha li chien iħobbhom lil krabatu, u la hu katt ma ħaseb biex igibhom il kuddiem u ankas huma ma ittamaŭ fih. "Niżżiħajr l'Alla," kalet oħtu, "aħna ngaħġħu ġmielna, u ma għandniex għalfejn iħabbtuh. Mischin, għandu il fokra collha ta'd-dinja x'jaħseb fihom issa; xejn ma jonksu, ser nħabbtuh aħna!" L'actar li għamel għaliehom, l'imorru jisimgħu il kuddiesa tiegħu fil cnisja tal palazz; u fil festi il cbâr ta San Pietru, l'iżommûlhom siġġu. Mill bkija, xejn!

Chien dejjem jidher kalbu seŭda, għaliex jiftacar f'it-tokol ta salibu; iżda, meta icun fil mistrieħ miġbur ma xi ħbieb tiegħu, chien fuk ruħu; u isabbar lil mîn jarah kalbu dejjka. "Chellu kalb ħanina actar mill akŭa maħluk!" kâl għalih ŭieħed minn ta geŭŭa.

### 7. Piu l'X u Franza.

Daks chemm tahsibhom sbieħ daŭc il chelmiet tal Franciżi "*Liberté, Fraternité, Egalité*" l'iridu ifissru: collħadd jagħmel u jaħsibha chif irid, ilcoll aħŭa u ħaġa ŭaħda—dakshecc ieħor cliem fiergħa, għaliex il Gvern tagħhom iridhom jokogħdu għalli irid hu, jaħsbuha chif jidhirlu hu; u b'is-seŭŭa jeŭ b'id-dneŭŭa, tiegħu dejjem iridha tgħaddi. M'ilhux, ŭieħed Cappillan irlandiż li chien Franza, talab lil Curunel biex l'is-suldati nsara li chellu fost ir-riġment tiegħu, iħalliehom imorru mal purcissioni ta's-Santissmu. Marrulu mal mitejn ŭieħed, u is-

suldati franciżi għaru għaliehom jarau li tasseu il Gvern ingliż ma jindaħlilhomx f'it-tuemmin minn tagħhom: "Messna aħna duar l'ostensorju fejn jinsabu l'Irlandiżi!" bdeu igħidu il xulxin b'dieka cbira ta kalbhom. U dan il Cappillan, fl'ittra li fiha semma' fuk hece lil ħabib tiegħu, baka' biex kallu: "Ma naħsibx illi il Gvern franciż kiegħed jakta sandar billi jieħodha mal Cnisja Mkaddsa u it-tuemmin tagħha!"

Franza, tista tgħid, hiha maksuma f'żeuġ isħma: dic Franza in-nisranija li għâda jixirkilha l'isem li chellha ta "Bint eulenija tal Cnisja;" imuettka b'it-tuemmin mkaddes tagħha; u dic l'oħra l'iżżomm mal fehmiet ta's-Sètta u ma tridx għajr tgħacches il Cnisja u il mîn magħha jati kîma l'Alla l'imbierec bil egħmîl u is-sedka ta't-tuemmin tiegħu. U ma għandhom għalfejn iħambku illi dauc ll jidħlu f'ixxirca ta's-sètet u magħhom jaħilfu li jibkgħu marbutin għal għomorhom, jaktgħu xi sàndar; il fehma ta'r-rjus i! cbâr ta dauc is-sètet hiha uaħda biss (għalchemm lil msieħbin ibellgħuhielhom li biha imorru il kuddiem u ix-xileb geuua), u din il fehma tagħhom fissirha fl'1876 fli Svizzra il Ministru franciż Aragu meta mâr kâl illi "il Cnisja u it-tuemmin tagħha jaħtigilhom jinkirdu. Għadda u mâr dac iż-żmien, uara it-tmintax il mitt sèna illi id-dinja hilha mjassra b'ir-rabta ta Cristu. Ma għandniex actar x'irriduh l'Alla; ħallina mill cnejjes u il kassisin; aħna il Franciżi jaħtigilna ninħallu minn din

ir-rabta, u naħdmu għal rajna! " U mbagħd is-sèna 1902, fakkgħet il bomba meta ta's-sètet f'lakgħa li chellhom katgħuha li Franza jaħtigilha tinħred minn Ruma: meta ftiehmu bejniethom illi ma jaslux fejn iridu sachemm ma jicsruhiex mal Cnisja u mal Papa jeŭ sachemm ma jiekirdux minn Franża it-tagħlim nisrani u idaħħlu it-tagħlim karrieki tagħhom.

Dan ix-xogħol ta's-sètet, li bèda ħàbta ta mija u għoxrin sèna îlu, deher ħ'akŭa tiegħu ħ'1904 meta ħareġ id-digriet li patrijiet u sorijiet ma jistgħux actar igħallmu; u fuk hecc, l'aħjar schejjel ta Franża, li chienu taħthom, chellhom jagħalku; u mbagħd bakgħu sa itturufnaŭhom minn Franza ucoll il patrijiet u is-sorijiet u sa ħadulhom ħŭejjiġhom. B'digrieti oħra, il Gvern ġagħal lil missierijiet u l'ommijiet jibagħtu l'uliedhom ħi schejjel tiegħu; u ħażin għaliehom jecc jaħbtu iŭarrbulhom il cotba li fukhom f'daŭn li schejjel chienu jitgħallmu; cotba li ma chienu xejn igħoddu għa't-tfâl, bħalma katagħha il Papa, għaliex ankas l'isem t'Alla ma chien ħihom msemmi.

X'għageb illi b'dan it-tagħlim ħażin il ħabsijiet bdeŭ jintleŭ b'iż-żagħżaħ, la darba jecc surmast jaraŭh biss jidħol ħi cnisja, laħku jibagħtuh; jeŭ mkâr mîn iżomm mal Cnisja Mkaddsa, ma għandu x'jittama xejn actar li jilħak xiħaġa mal Gvern? M'hux ta b'xejn li ŭieħed Franciż fuk il gażżetta il "*Journal des Débats*" telagħlu u chiteb daŭn il chelmtejn l'isarrfu ħafna: "Ħadd

katt ma jobsor x'fonkla fihom daũc li f'ir-rħula tagħna jieħduha mal Cnisja!...Jidhrilhom illi ma haũnx għalìehom, bla ma ankas jintebħu bil lanżit li għandhom f'kalbhom għal colmîn ta fehma oħra minn tagħhom! Ma iridux le, mîn jindaħlilhom, u jindaħlu f'fehmiet ħaddieħor, u iriduhom jakblu ma fehmethom, u hecc jeũ hecc iriduha tgħaddi tagħhom: u minn għaliehom, la darba ma jaħsbuhiex bħalhom, jidhrilhom ma iħobbux art tũielîdhom!"

Imma f'Ruma chien hemm mîn igħassilhom, għâd li x'uħud marru b'moħħom illi il Papa u là jara u ankas jisma, u dehrilhom li messu iħabrec actar u ma iħallix collox igħaddi! Piũ l'x fetaħ kalbu ma ũieħed Franciż, u kallu: "Alla l'imbierec satagħ jibgħat l'Ibnu jifdi id-dinja m'id-dnub hecc chif l'eũũel bniedem dineb; b'dan collu, ħalliehom igħaddu l'eluf ta's-snîn sa bagħatulna!...U mbagħd dan id-dakxejn ta kassis, Vici ta dac Cristu li dâmu jixtiekuh dan it-tûl ta żmien collu, iriduh igħid li għandu igħid bla ma iħalluh ankas jaħsibha! Għalissa m'injiex nitniffes; iżda nitlak ruħi f'idejn Dac li minnu nittenna il ũettka, biex x'ħin jasal il ũakt, fl'Isem tiegħu nitchellem!"

Sa fl'aħħar, il Gvern franciż is-sèna 1905 ħareġ b'għidba li tinchiteb; u ũaħħal fil Papa meta mâr kâl li ħtija tiegħu li ma setgħux jiftiehmu actar bejniethom, u jaħtieġlu il Gvern u il Cnisja jibdeũ jaħdmu għal râshom: u bèda biex telaklu lil Papa jagħżel l'Iskfijiet hu bla ma

jindaħallu jeŭ ankas lilhom jindaħlilhom lil mîn jagħmlu jeŭ ma jagħmlux Cappillani; iżda, ċaħdilhom dŭar iż-żeŭġ miljuni liri li chien igħaddîlhom ta coll sèna; lil kassisin ta sittin sèna il fuk, għaddielhom minn erba' tlieta talli chellhom f'ix-xahar; u nofs li chellhom biss, lil daŭc l'oħra li ma laħkux il ħamsa u erbgħin sèna: b'dakshecc il Gvern fàddal tlietmijia u għoxrin elf lira f'is-sèna, barra milli ħàchem il cnejjes collha taħt idejh.

Imm'issa Piŭ l'x tchellem: fl'1906, ŭara li stħarreġ il fehma tal Iskfijiet il franciżi, bl'ittra li tibda bil chelma "*Gravissimo*" hu fissrilhom li ma jistax icun illi il cnejjes jagħmel minnhom il Gvern bla ma jindaħal fihom il Papa; u ŭara li semma' fuk hecc, tenna fuk din il fehma sħiħa tiegħu: " M'aħniex le nitolbuhom lil tal Gvern imorru jisimgħu il kuddies, għâd li fuk kalbna jecc ma jagħmluhx; imma, talankas, jaħtigilhom jiftacru illi magħruf li hemm Cnisja Mkaddsa bil ligijiet tagħha, u li din għandha il Câp tagħha, illi bħalissa nzertajna Aħna."

Piŭ l'x ltaka' ucoll ma daŭc ix-x'uħud fost l'insara illi raŭha bi cbira ŭisk illi il Papa telak ħŭejjeġ il Cnisja hecc chiesaħ u biered; imma, Piŭ l'x ŭassalhielhom illi " huma iħabblu moħħhom żejjed fuk ħŭejjeġ il Cnisja, u ftit li xejn fuk il gîd tal erŭieħ." Għidulhom lil daŭc ta fehma oħra minn tagħna, illi f'iż-żmienijiet ta îlu, ltakgħu ŭiċċ mb'ŭiċċ żeŭġ setgħât fuk il kucciata ta għolja cbira; il ŭaħda urietha lil

oħra f'dakka ta għajn is-saltniet ta dina l'art u il gîd tagħhom, u kaltilha li titlakhomlha f'idejha jecc biss f'riġlejha tinxeħed u tkîmha; l'oħra ŭieġbitha li katt dan ma jista icun.... U sa fi żmien'na għâdha tgħid li ma jistax icun!..."

Jigifieri, meta ix-Xitan, chif nakraŭ fil Cotba Mkaddsa, ried illi Sîdna Geżù Cristu, ŭara is-Saŭma tiegħu ta erbgħin jum, jinxteħetlu għarcobtejh kuddiemu u jatih kîma; u Geżù ŭieġbu: "Ŭarrab minn haŭn, Xitan!"

Fuk hecc, il Gvern franciż b'digriet ieħor ħa taħt idejh colma il Cnisja chien għâd bakegħlha f'artijiet tiegħu; u telkilhom l'insara jibkgħu imorru jisimgħu il kuddies fil cnejjes chemm iridu, biex hecc icun jista igħid li m'hux minnu gejj li jieħodha mal Cnisja; u li jecc il Cnisja ma għandhiex il gîd ta dari, ħtija biss tal Papa!

Ŭara din, reġgħu ħarġu ligijiet oħra biex il Cnisja dejjem actar irossuha u igħaccsuha: il kassisin ma setgħux minn rajhom jidħlu actar fl'isptârijiet jecc il morda ma jibagħtux għaliehom; u li jinħtigilhom, meta imiss lilhom, jingaġġaŭ suldati, bil fehma li jittajjru; u jaħtigilhom ucoll lil Cappillani iħallsu il chèra ta'd-dâr li chienet tal cnisja. U ma nokogħdux ankas insemmu chemm ġmiel ta cnejjes nkirdu.

Malli il Gvern franciż nfired mill Cnisja, Piŭ l'x icconsagra f'San Pietru erbatax l'Iskof franciż, u bagħathom minnufih fi ħsieb id-diocesi li chienu mingħajr Ragħaj, billi sa dac iż-żmien

il Gvern franciż chien għâdu jindaħallu. "Sejjer nibagħtcom għa't-taħbit!" kalilhom il Papa; u daŭc l'erbatax l'Iskof dlonc telku lejn Franza fi Frâr tal 1906 b'is-salib fuk sidirhom, bla għajnuna ta xejn mill Gvern tagħhom, bħal żmien l'Appostli, u bħalhom ħàdmu għal erŭieħ tal merħla li il Vici ta Cristu rħielhom jirgħaŭ.

Għaddeŭ tlettax il sèna, u fl'1913 Giorġ Fonsgriv satagħ igħid fi ctieb sabiħ minn tiegħu: (*) "L'Iskfijiet u il kassisin u il pôplu, ilcoll miġbudin lejn Ruma u jokoġħdu għal chelma tal Papa." U tasseŭ minnu; għaliex, mal chelma tal Papa, l'Iskfijiet u il kassisin franciżi minnufih telku il palazzi u id-diar tagħhom, biex kdeŭ dmîrhom chif minnhom talab hu.

## 8. Il Papa u il Cungress Eucaristcu.

Chif semmejna fil faċċ. 33, bħala Iskof u bħala Patriarca, Piŭ l'x f'iż-żiajjar tiegħu ma chienx jixtiek lakgħa aħjar milli in-nies tersak tisma il kuddiesa tiegħu u jitkarbnu mn'idejh. Issa, bħala Papa, nhar l'20 ta Dicembru 1906, ħareġ digriet fuk it-Tkarbin, biex iħajjar l'insara jiersku jitkarbnu, mkâr culjum.

B'dan id-digriet, fost ħŭejjeġ oħra, Piŭ l'x igħallimna: "Fl'Eŭcaristija Mkaddsa, l'akŭa fehma m'hix le il kîma li meħtieġa lil Sîdna

* Dan Giorġ Fonsgriv ħareġ cotba sbieħ ŭisk fuk il Cnisja fi żmien Ljŭni it-XIII, u dan il Papa faħħarhomlu ħafna.

Geżù, jeŭ ankas illi dan is-Sagrament icun bħala ħlâs l'it-tajjbin; iżda, biex l'insara, b'din ir-rabta tagħhom m'Alla b'it-Tkarbin Mkaddes, jakelgħu dic il ŭetka li tinħtigilhom biex jirbħu lilhom nfishom u il gibdiet il ħżiena; biex jissaffeŭ m'it-tebgħât ta ħtijiethom minn ta coljum, u biex jieħilsu minn daŭc id-dnubiet illi fihom, ta bniedmin li aħna, nakgħu għal colxejn. Fuk hecc illi jinħtieġ it-Tkarbin ta sicŭit, u mkâr ta coljum, chif jixtiek Cristu Sîdna u il Cnisja tiegħu ; u ilcoll imisshom l'insara, fokra jeŭ għonja, ta's-snajja jeŭ m'humiex, u cbâr jeŭ żgħâr, li iħossu ruħhom safja m'id-dnûb, ilcoll imisshom daŭn jiersku jitkarbnu bil fehma it-tajjba u ta sedka mingħajr ħadd ma jista b'is-seŭŭa jiċħadulhom."

Mbagħd, minn ŭara li fisser illi il fehma it-tajjba ta mîn jiersak jitkarben jigifieri li ŭieħed ikîs illi jogħġob l'Alla b'ix-xeŭka li actar miegħu jirtabat b'is-sedka ta mħabba fil ŭakt li ifittex dan id-dŭa mkaddes biex ruħu dejjem iżjed titŭettak u tcun tista teħles m'it-tfixchil u it-tiġrib li fih ninsabu, f'dan id-Digriet jissocta ifisser illi għâd li ŭisk xierak li mkâr bl'inkas tebgħa ma trid tcun ir-ruħ imnieġġża, hŭa biżżejjed biex ŭieħed jiersak jitkarben la ma icollux ebda dnub mejjet, u fehma kaŭŭija li ma jidneb katt u katt iżjed. Għal dic li tħejjiha għa't-tkarbin u il ġàbra ta ŭara, colħadd jagħmel li jista, mingħajr ma jitlak id-dmier l'icollu. U fil krâr, il Papa jixtiekhom lil kassisin iħajjru

lil daûc li jiersku għandhom, l'imorru jitkarbnu ta coljum, u bl'akûa ħeġġa.

Ûieħed Oratorian ta Londra chiteb daûn il chelmiet fuk it Tkarbin ta coljum: "Sîdna Geżù Cristu, fil ħajja tiegħu ta fuk dina l'art, mkâr l'agħâr midinbin chien iħalliehom jiersku lejh, seû bħalma iridhom jiersku lejh daûc l'igħaccsu lilhom nfushom biex jieħilsu m'it-tiġrib, u xejn ankas milli miegħu hu igħannak il bniedmin illi b'is-snîn il cbâr ta tbatijiet ruħhom saffeû m'id-dnub billi jibkgħu dejjem jistgħu jitfixclu mal ħażen. Xejn ankas l'għajnuna tiegħu tinħtieġ lil Patri jeû l'is-Soru magħlukin f'ic-celel tagħhom, milli tinħtieġ lil fkâr u in-nies ta's-snajja mħabbtin b' ix-xogħol jeû bil għacs. Tinħtieġ l'it-tfâl biex jidraû jimxu f'it-triek ta's-seûûa; l'iż-żagħżaħ, biex ma jircbuhomx il gibdiet il ħżiena; l'ix-xebbiet, biex iżżommhom bla tebgħa ta ħtija; l'ir-rgiel u in-nìsa, biex jakdu dmierhom għal kalbu u jittûettkû f'is-sedka: ħadd minn dina l'għajn ta saħħa ta'r-ruħ ma imissu jitbiegħed, għaliex ħadd le mingħajrha ma jista jigi il kuddiem f'is-sedka."

Ûaħda xebba, ta coll filgħodu, kabel ma titlak għa'x-xogħol, chienet tersak titkarben, u mbagħd bilġri toħroġ mill cnisja biex tilħak it-trên, u hemmecc tokgħod fil ġàbra tiżżiħajr l'Alla mill ħniena tiegħu sachemm tasal il beld. "Oħrajn jagħmlu bħali," kalet lil ûaħda Soru, "u jien nitgħaxxak naħseb li bosta minn'na f'it-trên, aħna u sejjrin għa'x-xogħol, ninsabu

miġburin m'Alla. U f'ix-xogħol, mbagħd, din it-tifchira nsibuha ta għajnuna cbira."

Mîn chiteb il ctieb li minnu kiegħdin issa ngibu fil kasir din il *Ħajja ta Piŭ l'x*, isemmi fuk li għodŭa ŭaħda nzerta fi cnisja ta Londra u ra bosta rgiel u nìsa ta's-snajja jiersku jitkarbnu bil libsa ta'x-xogħol, chif chienu, biex mbagħd jilħku ma'd-dmier is-sengħa tagħhom: chien fihom x'tistagħgeb dakschemm chienu, l'għaliex sa ŭara il kuddiesa bakgħu reskin minnhom jitkarbnu! Minn għand Geżù chienu imorru ifittxu l'għajnuna u is-sàbar li jinħtiġulhom; minn għand dac Geżù l'ixerred bil ħòdon l'hena tiegħu fuk colmîn lejh jiersak jitlobhielu.

X'uħud chienu dari jidhrilhom illi it-tkarbina ta coljum ma tgħoddx għa't-tfâl: imm'issa, ladarba Piŭ l'x ħareġ id-digriet fejn kâl illi l'it-tfâl, mkâr ma's-sebagħ sèna tagħhom, jista ŭieħed iressakhom għa't-tkarbin, ma għandniex għafejn nokogħdu nitniccru actar. Għaliex saħansitra ta erba' snîn laħku lil xi tfâl resskuhom għa't-tkarbin, billi chienu jifhmuha biżżejjed illi f'it-tkarbin mkaddes chienu jilkgħu f'sidirhom il Geżù. Meta l'Appostli ħàbtu iridu ibegħdulu minn madŭaru l'it-tfâl, Geżù ċanfarhom u kalilhom: "Itilkulhom daŭn it-trabi jiġu għandi, u araŭ ma tbiegħduhomx minni; l'għaliex mîn hu bħalhom, għandu jedd fuk is-Saltna ta's-Sèma." U San Tumas igħidilna illi hecc chif it-tfâl jibdeŭ jifhmu u iħossu gibda lejn dan is-Sagrament, jistgħu ikarbnuhom.

Dakschemm chien iħobb ikarbinhom l'it-tfâl il Papa Piŭ l'x, chien hu jixtiekhom u iridhom imorru il Vatican u ikarbinhom ŭakt il kuddiesa tiegħu, ulied il fokra u l'għonja; mbagħd jiddaŭŭar jitchellem magħhom u jifraħ bihom; u it-tfal iħârsu lejh u iduru madŭaru, u dic issigħa jingibdu lejh, u dac ŭiċċu ta missier ħanin jitbissmilhom, u laħku iŭiegħbuh: "Iva, Geżù!"

Ŭaħda Ingliża chienet marret għand Piŭ l'x, u ħadet il binha magħha, nitfa ta tarbija ta ftit snîn. Ŭakt li chienet titħaddet mal Papa, iż-żgħir sgiccialha u mâr kiegħed idejh f'ħoġor Piŭ l'x u iħares lejh bil ħleŭŭa.

"Chemm il sèna għandu?" staksieha il Papa fil ŭakt l'iżiegħel b'it-tifel tagħha.

"Erba' snîn!" ŭieġbitu omm dic it-tarbija. "Naħseb li minn haŭn sentejn jeŭ tlieta oħra, ncun nista nressku għal eŭŭel tkarbina tiegħu."

Piŭ l'x ħares ħârsa lejn binha, u staksih: "Mîn taħseb li seijer tilka f'sidrec f'it-Tkarbin Mkaddes, ruħi?"

"Lil Geżù!" ŭieġbu it-tifel minnufih.

"U mîn hu dan Geżù?" ràġa haŭ nstaksih il Papa.

"Alla!" dlonc ŭieġbu id-dakxejn ta tifel.

"Gibuli haŭn għâda filgħodu!" Piŭ l'x dâr lej ommu igħidilha. "Gibuli biex jien inkarbnu mn'idejja!"

X'ma feraħx Piŭ l'x meta is-sèna 1912 marrulu minn Franza erbamitt ŭieħed bejn subien u bniet jagħmlu l'eŭŭel Tkarbina tagħhom il

Vatican: erbamija, ulied l'għonja u ulied il fokra, għaliex missierijiet u ommijiet l'għonja għamlu ġàbra bejniethom biex magħhom ħadu ulied il fokra! U daŭn it-tfâl, ŭâra din it-Tkarbina tagħhom, taŭh f'îdu ctieb b'135,330 isem ta tfâl oħra li tkarbnu għal fehmiet il Papa nhar San Giŭżepp, il kaddis tiegħu.

"Is-Slaten marru Ruma jinxteħtu f'riġlejn il Papa; marru f'riġlejh il Crociati fi żmienijiet ta dâri jitolbuh ibierichom; imma katt, le, ma chienet lakgħa bħalha ta subien u bniet, li geŭ jitkarbnu minn idejn il Vigarju ta Cristu fil Cnisja ta San Pietru!" kalilhom il General tal Agostiniani fil priedca kasira li għamlilhom ŭara il kuddiesa tal Papa u it-Tkarbina tagħhom.

Jumejn ŭara, Piŭ l'x lakagħhom fil Cappella Sistina lil daŭn it-tfâl, għaliex ried ichellimhom u jifraħ bihom u ibierichom. U meta reġgħu l'ura Franza, il coll daŭn it-tfâl ma chienux jafu jitħaddtu ħlief fuk din l'Eŭŭel Tkarbina tagħhom minn idejn il Papa u fuk il lakgħa li il Papa għamlilhom.

## 9. Piu l'X u il Kassisin.

Chemm għamel Piŭ l'x biex il kassisin icunu għal kalb t'Alla; la darba "il kassis hŭa bħal Cristu ieħor fuk il ŭiċċ ta dina l'art," chif kâl l'is-Seminaristi tal Culleġġ il franciż ta Ruma meta marru għandu ftit ŭara li laħak Papa. "Ta fehma ŭaħda bħal Cristu irid icun il kassis, u lilu irid jixxiebaħ f'is-sedka ta

cliemu u ta l'egħmejjel tiegħu; bħala cheŭcba jaħtieġlu il kassis jiddi f'id-dinja."

"Kassis il kaddis iseddak id-dinja" kâl darb'oħra Piŭ l'x; "u jecc m'hux kaddis m'hux talli ma jisŭa għal xejn, imma ħsara f'id-dinja."

U m'hux biss is-sedka fil kassis chien hu ifittex, iżda l'għerf tal moħħ ucoll, biex jitraŭŭem fil ħedma tal kasam t'Alla u jagħraf jaħrab it-tiġrif li fih jista jitfixchel, billi icun jâf jilka għal ħażen ta'd-dinja. Fuk hecc, u b'din il fehma, Piŭ l'x kàssar is-siegħât tal mistrieħ tiegħu ħalli iħejji ruħu għal ħajja ta kassis, ħajja ta xogħol, ħajja tal akŭa taħbit, ħajja ta kdusija. Għaref bosta, għâd li katt ma chien iħobb juri l'għerf tiegħu; jinkala' ħafna u jâf igîd ruħu ma colħadd; u jagħraf in-nies."

L'eŭŭel sitt snîn li chien Papa, Piŭ l'x ħaseb biex igìb il knddiem is-Seminarji; riedhom fihom jitgħallmu il Cotba Mkaddsa; lil Iskifijiet ŭissiehom jasbuha tajjeb minn kabel ma iresskuhom għal kuddiesa, u ifehmuhom seŭŭa illi m'hux bil ħruxija għâd jiġbdu l'erŭieħ lejn Alla, imma b'it-talb u is-sàbar u l'imgieba it-tajjba.

Meta għalak il ħamsin sèna tal eŭŭel kuddiesa tiegħu, Piŭ l'x chiteb ctieb ta ġmiel u sedka cbira fuk chif irid icun il kassis, u dan il ctieb ħareġ fl'4 ta Aŭŭissu 1908; ctieb li ħareġ minn kalbu, mictub minnu mill eŭŭel sal aħħar chelma tiegħu. Fih faccarhom lil kassisin collha illi jaħtigilhom icunu il melħ tal

art u id-daūl ta'd-dinja," u ħeggiġhom bl'isbaħ tūissijiet biex icunu tabilħakk il melħ u id-daūl ta'd-dinja: għax b'it-talb ta sicūit, bil kàri tal cotba ta'r-ruħ u tal Cotba Mkaddsa, bil fàcar tal ħajja ta dejjem, b'it-trażżin tagħhom nfushom jistgħu huma jitūettku għal ħajja ta kassis: li xbieha ta Cristu. Riedhom il kassisin ifissru il chelma t'Alla mingħajr ħafna xniexel biex colħadd jista jifhimhom, għaliex bosta ħūejjeġ fuk it-tūemmin tal Cnisja ankas l'għorrief ta'd-dinja ma jafuhom għâd li tūieldu nsara!

X'ma ħadimx biex il Ligijiet tal Cnisja jinġàbru fi ctieb ūieħed? Ħdax il sèna damu jaħdmu fih il Còdci il Gdid tal Cnisja Mkaddsa, illi mbagħd ħareġ fi żmien il Papa tal-lum, Beniditt il xv.

Ħàseb fl'emigranti biex icollhom mîn jaħdem għal ruħhom u iūissiehom b'it-tfixchil li fih jistgħu jinsabu; ħàseb b'it-tigijiet biex inakkas it-tiġrib tal għarajjes, u ħareġ ligi fukhom li tcun takbel mal Cnisja collha.

U chemm ħaūtel għal gîd tal nsara tal Ingliterra! Meta f'Jannar m'is-sena 1912 ūakkaf iż-żeūġ diòcesi l'oħra ta Birmingam u Liverpûl Piū l'x chitbilhom: " Jecc, fost uliedi ta'd-dinja collha, hemm x'uħud illi actar mill ħuthom jinħtigilna nieħdu ħsiebhom, huma daūc tal Ingliterra, fejn Sant Eleūterju daħħal is-saltna ta Geżù Cristu, u il kuddiem ūettkuhom f'it-tūemmin in-nisrani il missiūnarji li bagħtilhom San Ghirgor il Cbir, sachemm mbagħd il Cnisja

tal Britannja bakgħet tissemma għal Kaddisin u il Martri tagħha."

Chemm feraħ bl'erbamitt pellegrini ingliżi li marru għandu mal Cardinal Bourne! "B'kalbi collha" kalilhom, "jien nilkagħcom, uliedi tal Ingliterra, għaliex intcom ulied l'insara li dŭar l'elf sèna żammeŭ sħiħ mal Cnisja Mkaddsa u mal Papa, ulied in-nies it-tajjba, u ulied il Kaddisin. Għaliex, għâd illi fil għàma tiegħu ŭieħed m'is-Slaten tal Gżira tagħcom begħidcom mill Cnisja ta Geżù Cristu, it-tŭemmin mkaddes tiegħu ma għâdux iħeggeġ f'nofscom ta ulied l'intcom ta daŭc l'insara ta'r-ruħ li taŭ ħaijitħom biex jistkarru it-tŭemmin tagħhom u fuk hecc il Britannja tagħcom stħokkilha l'isem ta "Gżira tal Kaddisin?"

U x'bakagħ ma għamilx għal Franza, dic Bint l'Eŭlenija tal Cnisja, għâd l'hi bicchietu bil killa tagħha?... Fil beatificazioni tal Ven. Gŭanna D'Arc, f'April tal 1909, il Papa Piŭ l'x uriehom lil Franciżi chemm l'art tagħhom chienet għal kalbu. Mal erbgħin elf minnhom daŭc uliedu nsabu f'San Pietru dac in-nhar ma seba' u sittin Iskof minn tagħhom. Meta ŭara il kuddiesa tiegħu, chienu għaddejjin bih minn nofs il cnisja biex jingàbar fil Vatican, il Papa kabad f'îdu tarf il bandiera il franciża u biesha; haŭn il Franciżi ħadd actar ma sata' iżommhom u nfexxeŭ igħajjtu għallenjia: "Merħba bih il Papa! Merħba bih Piŭ l'x!" X'sata' jagħmel actar biex uriehom l'imħabba tiegħu? Biha dic

il beŭsa ta kaddis, seddkilhom il bandiera li chienet sŭietlu ħafna dmugħ!

Ma nokogħdux issa insemmu chemm chien iħobb il Missiŭnarji u daŭc il kassisin li jâfhom jaħdmu ħafna għal gîd tal erŭieħ. Meta Patri Crawley, american, l'appostlu tal mħabba lejn il Kalb ta Geżù, mâr xteħed f'riġlejn Piŭ l'x jitolbu jatih is-sensja li jaħdem b'din il fehma:

"Le!" ŭieġbu il Papa, "ma natihulecx li kiegħed titlobni.

Patri Crawley rafagħ għainejh lejn il Papa bil ħniena. Piŭ l'x râġa tennielu:

"Le! ibni, din is-sensja ma natihielecx!"

Imma, mbagħd, għannku miegħu u kallu:

"Narġa ngħidlec, li ma natihielecx is-sensja; imma, *irridec* tmur u tagħmel dac li Alla bagħtec tagħmel; u xerred l'imħabba tal Kalb ħanina ta Geżù ma collumchien."

Chien għâd għandu tletin sèna dan il Patri; x'ma ħabricx biex iħeggeġ kalb colħadd bl'imħabba ta Geżù, la darba il Papa bierec lilu u ix-xogħol li għalih Alla sejjaħlu!

Għal colħadd chienet tħenn dic il kalb cbira tiegħu Piŭ l'x. Darba, biex nsemmu ŭaħda, mâr xiħadd faccru fuk mîn chien karrak bih bl'icraħ, għâd illi hu ntebaħ, u chien ħallieha tgħaddi. Tafux x'ŭieġbu il Papa, għâd li tbissem jidħac b'dieka cbira, għaliex tħassru?

"U iva, trid tgħidli li dac il bniedem għandu ħafna kxur.... bħal tal basla!"

## 10. Il Papa f'in-Nichet.

Colfejn chien icun hemm xi nichet, hemm cont issibu. Bħala Cappillan ta Salzanu, Dun Giùżepp Sarto, fil mard tal 1873, contu taraùh jiggiera minn dâr għal dâr, ifarraġ il morda, isabbar lil imnicctin, bla ma jokgħod jitħasseb li jista jircheb il mard. Sal bìchi chien jatih jara mîn ibati: m'hux ta b'xejn igħidu li kalbu chienet l'akùa kalb ta'd-dinja.

F'iż-żmien li chien Patriarca ta Vnezzja, hùa u miexi mill ifkar torok tal beld jitchellem ma colmîn jiltaka' miegħu u iżiegħel b'it-tfâl l'imorru ibusulu îdu, jisma darba it-tùerżik ta dakxejn ta tifla li ommha chienet issaùùatha bla ħniena. Telgħulu il Cardinal u gibed kaùùi il kampiena. Nfetħet tieka ta dâr, u xirfet màra ħamra nâr b'id-dagħdiegħa li chellha fukha.

"Itlak dic it-tarbija u la 'ssaùùathiex, ked ngħidlec!" Nħallicom taħsbu x'ħasset fiha dic il màra x'ħin tara il Patriarca fuk il għadba ta biebha! u it-tùerżik ùakaf dic is-siegħa!

"Ta coljum jasluli aħbarijiet tal ktîl fl'Asja u il Macedonja" kâl darda ùaħda il Papa lil daùc ta madùaru. "Chemm nsara, jaħasra, kiegħdin jinkàtlu!..... Chemm għandu kalbu ſiebsa dac is-Sultan fil ùakt li dejjem mbażża li joktluh u jitlob bil ħniena iħalluh igħix! u minn fuk għandu il ħîla igħid li katt ħsara ma għamel lil ħadd, dac li f'id-dejr tiegħu joktol b'idejh l'egħdeùùa li jakgħu taħt idejh, u fejn gimgħa îlu għâdu chemm kàtel xebba!"

Fil ħsarât collha li ġraŭ fi żmienu, dejjem kalbu ħennet u għamel colma jigi minnu biex isabbar u igħin lil msejcnin f'in-nichet tagħhom. F'it-theżhiża tal art ta Messina u il Calabrja fl'1908, fejn rtadmu mal mitelf ruħ (chif krajtu f'in-Nru. 84 tal *Cotba tal Mogħdija taz-Żmien*) bagħat minnufih colma taŭh f'idejh u milli satagħ biex jilħak ma daŭc li bakgħu ħajjin; u kassmilhom mitejn u tmenin elf lira ta'd-deheb. X'nigħidu mbagħd għal dŭar il ħamesmitt ltiema li ġabar fli sptâr ta Santa Marta u ħasbilhom għal collox hu? Għaliex sa fil gażżetti l'egħdeŭŭa tiegħu faħħruh, u id-dinja collha raħħmitlu għalli għamel għa'n-nies ta Messina f'in-nichet tagħhom!

Għal dic il ħeġġa biex igħin l'uliedu ta coll art u ta coll gens u dac in-nâr tal mħabba t'Alla li bih kalbu chienet mixgħula f'daŭn l'egħmejjel tal ħniena, x'għageb illi mkâr tberica minn tiegħu laħket fejjket il morda?

Ŭaħda xebba ingliża semegħthom igħidu illi b'chelma tiegħu ifejjak il mard. Tħajjret, u talbet l'ommha tŭassalha sa Ruma: l'imsejcna chellha râsha u għonkha dàbra ŭaħda. Chienu jinsabu erbgħin meta il Papa għadda minn kuddiemhom, issa igħid chelma lil ŭieħed u issa lil ieħor. Xejn lilha ma kallha; iżda, hecc chif bericha, ħasset ruħha mfejjka: u chien minnu, għaliex x'ħin nġàbru il lucanda u ommha ŭarbitilha it-tajjar minn madŭar râsha u għonkha, sabitha safja minn coll tidbir.

Darb'oħra, daħal għand il Papa ŭieħed ragel b'ibnu magħtub fuk dirgħajh; Piŭ l'x chien bilkegħda, u talbu imiddulu fuk rcobtejh; u fil ŭakt, bakagħ jitħaddet ma missieru u mal oħrajn li daħħlulu kuddiemu. F'dakka ŭaħda, dan it-tifel iżżerżak ħelu ħelu minn fuk rcobtejn il Papa, u telak jiġri mal camra bħalchiecu katt ma chien marid!

Tminn xhur chienet îlha mixħuta f'kiegħ ta sodda ŭaħda Soru tal Kalb ta Geżŭ f'cunvent tagħhom tal Irlanda: it-tabib katagħ kalbu x'jakbad actar jagħmel għalieha. Chien ix-xahar ta Ottubru 1912, meta is-Superiŭra kalet lil dakxejn ta tifla, bint il mastrudaxxa tal cunvent, biex ticteb lil Papa titolbu ibierec lil din is-Soru. It-tfâl chienu iħobbuha ħafna, u chienu dejjem jitolbu l'Alla ifejjakhielhom. F'id-29 ta dac ix-xahar, is-Soru niżlet m'issodda mfejjka! Sa dac il ħin, ħadd ma chien għâdu semmielha fuk dic l'ittra.

Minn satagħ iżommhom actar it-tfâl daks chemm ŭerżku bil ferħ x'ħin raŭha reġgħet għal magħhom! ilcoll nġabru il cnisja ibiercu l'Alla għal ħniena tiegħu bla tarf.

"Igħidu l'int *Kaddis* u takla minn għand Alla colma titolbu!" marret kaltlu ŭaħda Sinjura, bla ma ħasbitha li ma jigix minnu.

Nfexx jidħac il Papa, u ŭiegibha:

"Għandec tcun ridt tgħid *Sarto* u m'hux *Santo*!" (għaliex b'it-taljan il chelma *Santo* tfisser *Kaddis*; u *Sarto* tfisser *Hajjât*; u għâdni

niftacar illi x'uħud haūn Malta, meta il Cardinal Sarto sâr Papa, dehrilhom li laħak Papa ūieħed ħajjât. Mill bkija, ħaġa żgħira, chi ècu nzerta minnu; għaliex Alla l'imbierec ilaħħak lil mîn jagħżel hu biex imexxi id-dgħajsa tal Cnisja: u chemm drabi Alla jagħżel l'ankas ūieħed li katt jobsru bih il bniedmin, biex hecc juri is-setgħa tiegħu bla kies?)

Actar mbagħd ħariġlu b'ūaħda tinchiteb lil dac li mâr talbu cappell ta Cardinal għal ħabib tiegħu:

"Jaħasra, għidlu lil ħabib tiegħec" kallu il Papa, "li jien ma ncunx nista natih li tlabttni, għaliex ma nâfx naħdem cpiepel, la nzertajt ħajjât biss!" (jigifieri la jisimni *Sarto.*)

Meta kâm il Portugall u kàtlu l'is-sultan Don Carlos, x'ma ħass f'kalbu Piū l'x jisma bil ħsara li għamlu is-sètet lil nsara! Patrijiet u Sorijiet mixħutin f'kiegħ ta ħabs, minn fuk li ħarbtulhom il cunventi u serkuhom; Iskfijiet itturufnati; li sehejjel tagħhom magħlukin, u it-tagħlim in-nisrani nkered magħhom! M'hux ta b'xejn li Piū l'x chiteb dic l'ittra li fiha ūèra chemm kalbu ūegegħtu għall aħħar fuk daūc il ġrajja il kalila meta ħâdha mal Gvern il ġdîd: dic l'ittra tiegħu tal ħniena, għallankas fargitilhom kalbhom lil Iskfijiet mħabbtin tal Portugall; x'satagħ actar jagħmel għaliehom il Papa, u ma għamlux?

Fil ħarifa tal 1912, marru xteħtu għarcobtejhom kuddiemu pellegrinaġġ tal ħaddiema

il franciżi. Ferañ bihom Piŭ l'x; u fil lakgña li għamlilhom, sabbarhom f'id-dŭejjak tagħhom, u, fost ħŭejjeġ oħra, kalilhom:

"Ix-xogħol tagħcom f'is-snajja u ir-ràba, xogħol li għàżel għalih in-nifsu Alla l'imbierec, la darba ried hu igħix ta ħaddiem bħalcom meta niżel fuk dina l'art biex id-dinja jifdi minn dnubietha. Għalchemm b'is-sengħa jeŭ taħdmu ir-ràba tridu takelgħu il ħobżna ta coljum bil għarak ta ġbîncom, jecc bħala Sîdna Gezù tissabbru b'salîbcom, intcom tgħaddu ħajja ta hena. U billi nâf li din hi il fehma tagħcom, minn kalbi nifirħilcom, uliedi, u nbericcom u nixtiekilcom il faraġ u l'hena li tistħokkilcom; u fil ŭakt mbierec il niescom u il ħbieb tagħcom." Mbagħd żammhom jieclu fli Sptâr ta Santa Marta u bagħat idur bihom lil Cardinal Ferrata li dac in-nhar chien kaddsilhom fil cnisja ta San Pietru.

Sèna fuk dan, Piŭ l'x xteħed marid f'is-sodda, u it-tobba ma rieduhx jitħarrec; imma, il Papa ma chienx jokogħdilhom. Hecc chif ħass ruħu ftit u xejn aħjar, arah jakbadlec ix-xogħol, u ighemghem m'it-tobba illi itellfulu iż-żmien li jistħokk lil Cnisja Mkaddsa.

"Imm'int, jaħasra! gîb dakxejn ŭaħda kuddiem għainejc x'tgħid id-dinja collha għalina it-tobba jecc in-nies taħseb li ħtija tagħna jecc ma nfejjkucx!" kallu ŭieħed m'it-tobba.

"U mela x'għandi ngħid jien jecc ma

nieħux ħsieb chemm imissni tal Cnisja li Alla telakli f'idejja?" ŭieġbu il Papa.

It-tobba ma fehmuhiex bħalu, u riedu iġagħluh ŭiegħedhom li jibda jokgħod għalli igħidulu. "U iva, la teħduhiex bi cbira!" ŭiegibhom hu bi tbissima; "sa dakshecc nifhimha, illi jaħbatli nfiek malajr, seŭ daks chemm intcom tixtieku tfejjkuni."

Ix-xitŭa ta ŭara din, mietet oħtu il cbira. Chienet, nistgħu ngħidu, għaddiet miegħu ħajjitha collha, għaliex chellha sbatax il sèna meta marret miegħu f'Tomblu, u mbagħd miegħu bakgħet f'Salzanu. F'iż-żmien li chien Iskof ta Trêvsu u ta Mantŭa, ngàbret m'ommha biex laħket magħha sa ma mietet; u reġgħet għal miegħu ma tnejn minn ħutha l'oħra u Amalja bint ħuha, meta Monsinjur Sarto chien Patriarca ta Vnezzja. Meta fl'aħħar mbagħd laħak Papa, criet x'erba' cmamar f'cherrejja, fuk il Piazza ta San Pietru, biex ma tcunx fil bgħid minnu. Mietet f'nitfa ta camra fuk sodda tal ħadid mill irħas, u għmara chemm tiddobba, ta fkira li bakgħet għâd li ħŭa chien Papa: u jien chelli ix-xorti rajtha lil din oħtu, màra minn tagħna u dħulija chemm trid.

Għal Piŭ!'x chienet dicsa cbira il meŭt t'oħtu; iżda, il funeral li għamlula u it-telegrammi li ŭaslulu m'id-dinja collha jatuh l'għomor, farrġulu kalbu: Cardinali u Iskfijiet, Kassisin u Patrijiet, cbarât u fokra, ŭassluha sal cnisja ta San Laŭrenz Barra u bakgħu

għal kuddiesa li saritilha. Huha biss ma satagħx imur: il Papa, fil ġàbra tal cappella tiegħu, xteħet f'riġlejn Geżù, jitlob għal ruħha f'ŭakt li f'ħafna cnejjes chienu ikaddsu għalieha.

Imm'issa nkalagħ it-taħŭid fil Messcu. Carranza, il Gvernatur ta Coaħŭila, kâm għal Hŭerta il President ta dic ir-Repubblica; u il Messcu xegħel, meta Villa ħâdha ma Carranza ŭara li chienu it-tnejn ħaŭŭdu il borma flimchien! Haŭn kalbu reġgħet ngħafset l'imsejchen Piŭ l'x, jisma bil ħafna kassisin li sparaŭlhom jeŭ għallkuhom jeŭ xeħtuhom il ħabs; bl'Iskfijiet li ħtigilhom biiġri jaħarbu biex ma jeħduhomx taħt idejhom l'egħdeŭŭa u iġagħluhom l'in-nies iħallsu għal fidŭa tagħhom; jisma bl'Arciskof ta Durangu illi ġagħluh jicnes it-torok; b'is-Sorijiet li kàtlu jeŭ agħâr milli chiecu katluhom; bil cnejjes mħarbtin, fejn l'egħdeŭŭa tal Cnisja Mkaddsa kabdu jixorbu l'imbit mill calcijiet u jiddieħcu bl'insara.

Raŭh dic il ħàbta il Papa Piŭ l'x chif chien għaddejj minn nofs il cnisja ta San Pietru, b'dac ŭiċċu jixhidlu id-dieka ta kalbu ŭakt l'ibierec l'uliedu; ebda tbissima ma chellu fuk xoftejh, miġbur fih in-nifsu, rasu l'isfel. Imma, ħin ŭieħed bħal tbissem: donnu ħass ferħa f'kalbu; u mîn chiteb dan il ctieb, samagħ żeŭġ Taljani igħidu il xulxin:

